# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 22 ta' April 2021**

**Kawza Numru: 6**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 782/2010 JVC**

**Anthony u Mary Anne konjugi Psaila, u binhom Joseph Psaila**

**vs**

**Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta, Logotenent Christian Vella, Kurunell Ian Ruggier, Gunner Johann Cachia, Logotenent Kurunell Mario Borg fil-kwalita' tieghu tal-persuna responsabbli mis-sahha u sigurta' tal-Forzi Armati ta' Malta, l-Onorevoli Prim Ministru, ghal kull interess li jista' jkollu u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrent Anthony Psaila et kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'ILLI l-esponenti huma l-eredi legittimi ta' Matthew Psaila, li miet fis-sittax (16) ta' Frar 2009;

2. ILLi l-imsemmi awtur ta' l-esponenti kien jaghmel parti mill-forzi armati ta' Malta, u dan fil-grad ta' *gunner*, sal-jum tal-mewt tieghu;

3. ILLI fit-tlettax (13) ta' Frar 2009, l-istess Matthew Psaila flimkien ma' membri ohrajn tal-forzi armati, ippartecipaw f'esercizzju militari ta' tahrig li kellu jigi esegwit f'Chadwick Lakes, liema esercizzju militari kien *inter alia* jinvolvi it-twettiq ta' perkors bir-rigel mis-suldati filwaqt li jkunu mghobbijin bl-ekwipagg militari lilhom assenjat. Fiz-zmien in kwistjoni, dan il-perkors kien ostakolat bl-ilma tax-xita li kien ingemgha f'dawk l-akkwati f'diversi livelli ta' profondita';

4. ILLI minkejja li l-kundizzjonijiet tal-klima relattivi ghat-tlettax (13) ta' Frar 2009 ma kienux idonji ghall-esekuzzjoni ta' l-esercizzju ta' tahrig hawn fuq imsemmi, inghataw ordnijiet diretti mill-konvenuti jew min minnhom sabiex dan l-esercizzju isir xorta wahda, bi pregudizzju gravi ghall-inkolumnita' tas-suldati kollha partecipanti;

5. ILLI minhabba l-ordni gerarkiku tal-forzi armati, dawn l-ordnijiet diretti ma setghux jigu mwarrba minghajr it-

theddida li s-suldat in kwistjoni jinkorri l-penalitajiet konnessi ma' l-insubordinazjoni;

**6.** ILLI b'zieda ma' dan, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-konvenuti jew min minnhom naqsu milli jipprovdu lis-suldati partecipanti fl-esercizzju militari in kwistjoni provvisti u materjal sufficjenti sabiex tigi garantita s-sahha u sigurta' taghhom waqt l-esekuzzjoni ta' dan it-tahrig;

**7.** ILLI wkoll, waqt l-esekuzzjoni ta' l-esercizzju militari mertu ta' din il-kawza, kien hemm imprudenza, traskuragni u nuqqas ta' diligenza da parti tal-konvenut Logotenent Christian Vella u Gunner Joseph Cachia, li kienu dawk il-membri tal-forzi armati nkarigati mis-sorveljanza tas-suldati subordinati ghalihom;

**8.** ILLI b'konsegwenza tat-traskuragni, non-kuranza, negligenza, nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti, u nuqqas ta' prudenza u diligenza da parti tal-konvenuti jew min minnhom, tilef hajtu l-imsemmi Matthew Psaila;

**9.** ILLI in vista tal-premess, l-esponenti ghandhom il-jedd ghar-risarciment tad-danni mill-konvenuti jew min minnhom;

**10.** ILLI minkejja li gew interpellati biex jersqu ghal-likwidazzjoni u ghall-hlas tad-danni subiti mill-esponenti, il-konvenuti baqghu lkoll inadempjenti;

**11.** ILLI ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

**GHALDAQSTANT** l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. tiddeciedi u tiddikjara li Matthew Psaila tilef hajtu minhabba traskuragni, non-kuranza, negligenza, nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti, imprudenza jew nuqqas ta' diligenza min-naha tal-konvenuti jew min minnhom;

2. tiddeciedi u tiddikjara li b'konsegwenza, l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghar-risarciment tad-danni versu l-atturi;

3. tillikwida l-kumpens dovut lill-atturi, occorrendo bil-hatra ta' periti gudizzjarji;

4. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu l-kumpens likwidat minnha lill-atturi,

u dan previa kull dikjarazzjoni jew provvediment iehor li lilha jidhrulha xierqa jew opportuni.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali bin-numru 892/2010, u bl-imghax legali mill-jum tal-prezentata ta' din il-kawza, kontra l-konvenuti jew min minnhom, li huma lkoll minn issa ngunti in subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta, tal-Onorevoli Prim Ministru, tal-Avukat Generali, tal-Logotenent Kurun ell Mario Borg, tal-Logotenent Kurunell Ian Ruggier u Gunner Johann Cachia kif isegwi:

'Jesponi bir-rispett u l-Brigadier Martin Gerald Xuereb, il-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta bil-gurament tieghu jikkonferma li jaf personalment:

Illi l-esponenti qeghdin iressqu s-segwenti eccezzjonijiet illi qeghdin jinghataw minghajr pregudizzju ghal-xulxin:

1. Preliminarjament, l-Avukat Generali m'huwiex il-legittimu kontradittur ai termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Preliminarjament ukoll, il-Logotenent Kurunell Ian Ruggier, il-Logotenent Kurunell Mario Borg u Gunner Johann Cachia f'isimhom personalment mhumiex il-legittimi kontradditturi u dan peress illi huma dejjem agixxew fil-funzjoni ufficcjali taghhom fl-istruttura ta' impjiegi gewwa l-Forzi Armati ta' Malta u qatt ma agixxew personalment;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ebda responsabbilita' ma hi imputabbli fil-konfront ta' l-esponenti ghall-incident mertu ta' dina l-kawza u ghalhekk it-talbiet attrici huma bla bazi guridika u fattwali.

4. Illi rigward l-allegazzjoni tar-rikorrenti illi Matthew Psaila tilef hajtu minhabba ordnijiet diretti illi allegatament ma setghux jigu imwarrba minghajr it-theddida li jinkorri penalitajiet konnessi ma' insabordinazzjoni, l-esponenti jissottomettu illi Psaila kien qed jattendi kors tal-Infanterija fil-livell ta' *Group B Class III* organizzat mis-*'C' Special Duties, Company*.tal-Ewwel Regiment. L-esponenti jissottomettu wkoll illi dan it-tahrig huwa parti mill-formazzjoni ta' dan

ir-Regiment. Qabel ma beda t-tahrig specifiku, il-membri kellhom l-opportunita' illi f'kaz illi huma kellhom xi diffikultajiet sabiex jaghmlu parti mit-tahrig, dawn setghu jgibu dan ghal attenzjoni tas-superjuri taghhom. L-esponenti jkomplu jissottomettu illi membri ohra tal-Armata li kienu qed jiehdu l-istess tahrig ma' Psaila u li seta' kellhom xi diffikultajiet mal-perkors tat-tahrig gabu dan ghall-attenzjoni tas-superjuri taghhom minghajr ma inkorrew penalitajiet konnessi ma insabordinazzjoni.

5. Illi rigward l-allegazzjoni li l-esponenti naqsu milli jipprovdu lis-suldati partecipanti fl-ezercizzju militari in kwistjoni, provvisti u materjal sufficjenti sabiex tigi garantita s-sahha u s-sigurta' taghhom waqt l-ezekuzzjoni ta' dan it-tahrig, l-esponenti jissottomettu illi fil-bidu ta' l-ezercizzju, is-suldati jircievu struzzjonijiet flimkien ma' dak l-*equipment* tenut necessarju sabiex dawn is-suldati jkunu jistghu jwettqu t-tahrig taghhom. Illi ghalhekk l-esponenti ma jirrispondux ghal danni kif reklamati mir-rikorrenti.

6. Illi huwa manifest illi kull danni sofferti mir-rikorrenti kienu l-konsegwenza ta' mizavventura u sfortuna u certament mhux ta' nuqqas da parti ta' l-esponenti u b'konsegwenza l-esponenti ma jistghux jigu misjuba responsabbli ghall-mewt tal-Gunner Matthew Psaila.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

8. Bl-ispejjez.'

Rat ir-risposta guramentata ta' Longotenent Christian Vella kif isegwi:

1. 'Illi fl-ewwel lok l-esponent ma hux responsabbli ghal ebda traskuragni, non-kuranza, negligenza, nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti, imprudenza jew nuqqas ta' diligenza u kwalsiasi allegazzjoni f'dan is-sens adebita lilu trid tigi debitament u sodisfacentement ippruvata da parti tar-rikorrenti.

2. Illi fit-tieni lok, l-intimat mexa mal-proceduri u uzu l-provvisiti u l-materjal kollu lilu maghmul disponibbli ghall-ezercizzju militari.

3. Konsegwentament, illi l-esponent mhux il-legittimu kontradittur peress illi huwa ma jistghax jitharrek personalment peress illi kif han fuq spjegat, huwa agixxa fil-funzjoni ufficcjali tieghu fl-istruttura tal-Forzi Armati ta' Malta u qatt ma agixxa fil-vesti tieghu personali.

4. Illi inoltre, qabel ma sar tali stharrig militari, l-intimat kien wettaq il-proceduri u t-*training programmes* kollha rikjesti minnhu u ghalhekk zgur illi ma hux responsabbli b'ebda mod ghall-incident in kwistjoni.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huma minn issa ngunta ghas-subizzjoni.'

Rat il-bosta affidavits, xiehda, ritratti, cd, rapporti ta' inkjesti, xhieda f'inkjesti, kontro-ezamijiet u l-provi kollha fl-atti;

Rat illi fil-verbal datat 6 ta' Ottubru 2020 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat;**

Illi din hija kawza ghal dikjarazzjoni ta' responsabilita' tal-intimati jew min minnhom u likwidazzjoni ta' danni subiti mir-rikorrenti Anthony u Mary Anne konjugi Psaila u binhom Joseph Psaila konsegwenza tal-mewt ta' binhom l-iehor Matthew Psaila f'incident li sehh nhar it-13 ta' Frar, 2009.

Il-fatti fil-qosor tal-kaz huma li fit-13 ta' Frar, 2009 Matthew Psaila, li kien ser jaghlaq ghoxrin sena u li kien jahdem bhala suldat mal-Forzi Armati ta' Malta, ippartecipa f'ezercizzju organizzat mill-istess Forzi Armati ta' Malta hekk imsejjah korsa tal-ostaklu gewwa c-Chadwick Lakes bhala parti mit-tahrig tieghu fil-kors imsejjah 'B 3 Infanteer'. Jirrizulta li dakinhar, xi hin waqt l-ezercizzju, Matthew Psaila nstab mgherreq fl-ilma, ittella' fuq l-art u wara li nghata l-ewwel ghajnuna ttiehed l-isptar. Sussegwentement Matthew Psaila miet l-isptar fis-16 ta' Frar, 2009.

Illi sabiex din id-decizjoni tinftiehem ahjar il-Qorti ser tindika l-irwol ta' kull wiehed mill-intimati fil-kawza odjerna, hekk kif jirrizulta mill-provi, qabel ma tghaddi ghal decizjoni fuq l-eccezzjonijiet preliminari u fil-mertu:

(i) **Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta** li dak iz-zmien kien il-**Brigadier Carmel Vassallo[1]:** huwa ntimat bhala l-persuna responabbli fil-kariga tieghu ta' Kmandant tal-Forzi Armati u li fi hdan l-istess Forzi Armati sar l-ezercizzju in kwistjoni u li mal-istess Armata kien impjegat Matthew Psaila;

(ii) **Logotenent Christian Vella[2]:** kien il-persuna fl-ghola kariga prezenti waqt l-ezercizzju (minn sitta) inkarigat fuq il-post mill-ezercizzju in kwistjoni li fih kien qed jippartecipa Matthew Psaila. Kif isosnti hu stess kien 'in charge of the platoon'[3] ;

(iii) **Logotenent Kurunell Ian Ruggier[4]**: Ma kienx partecipi fuq il-post fil-hin li sehh l-ezercizju izda jirrizulta li kien Commanding Officer First Regiment u li taht l-ordnijiet tieghu kien jaqa' l-intimat il-Logotenent Christian Vella;

(iv) **Gunner Johann Cachia[5]:** Kien Commander tal-One Section. Kien wiehed minn sitt 'safety officers' provduti mill-armata lill-Logotenent Christian Vella (nkluz l-istess Vella) sabiex ikunu prezenti waqt l-ezercizzju in kwistjoni fuq il-post u nghata l-irwol li jsuq il-Land Rover bis-'safety equipment' matul it-tragitt tal-ezercizzju u jipprovdi l-'first aid' x'hin u jekk ikun hemm bzonn. Dan l-irwol assenjah lilu l-Logotenent Christian Vella;

(v) **Logotenent Kurunell Mario Borg[6]:** li kif isostnu l-istess rikorrenti fl-okkju gie mharrek fil-kwalita' tieghu tal-persuna

---

[1] Xhieda tieghu tinsab a fol. 87 et seq u 136 A et seq tal-process.

[2] Xhieda tieghu fl-atti tinsab a fol. 250 et seq, 359 et seq, 563 et seq, 591 et seq u Fol. 622 et seq.

[3] Fol. 359.

[4] Xhieda a fol. 401 et seq u fol. 430 et seq tal-process.

[5] Xhieda tieghu a fol. 156 et seq, fol. 565 et seq u fol. 582 et seq tal-process.

[6] Xhieda tieghu a fol. 207 et seq. u fol. 409 et seq tal-process.

responsabbli mis-sahha u sigurta' tal-Forzi Armati ta' Malta: Dakinhar tal-incident ma kellu x'jaqsam xejn mal-ewwel regiment li tahtu sehh l-incident izda kien Kmandant tat-tielet Regiment. Kien izda jgorr ir-responabbilta' tal-'health and safety' fl-Armata u kien iwiegeb lill-Brigadier u cioe' l-Kap Kmandat tal-Forzi Armati ta' Malta. Sa dakinhar tal-incident huwa kien appunta 'health and safety officer' f'kull regiment;[7]

(vi) **L-Onorevoli Prim Ministru ghall kull interess li jista' jkollu:** dwar dan l-intimat ma jissemma xejn fl-atti ghajr li fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-istess intimati jigi ndikat li dak iz-zmien l-Onorevoli Prim Ministru kien il-Ministru inkarigat mill-Forzi Armati u llum m'ghadux;

(v) **L-Avukat Generali:** dwar il-presenza tal-Avukat Generali tqajjmet eccezzjoni preliminari li mhux il-legittimu kontradittur.

**Eccezzjonijiet preliminari:**

Illi l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta et a fol. 25 tal-process issostni li l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur ai termini ta' l-artikolu 181 B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Dwar din l-eccezzjoni r-rikorrenti ma ghamlu l-ebda sottomissjonijiet.

Illi l-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proceduri Civili jindika li l-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni u jsostni ulterjorment li l-Avukat Generali jirraprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-

[7] Fol. 207.

azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern.

Illi jirrizulta lil din il-Qorti li fl-atti odjerni l-Forzi Armati ta' Malta hija debitament rapprezentata mill-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta u ghalhekk fit-termini tal-artikolu 181 B tal-Kap. 12 ma jirrizultax li kien hemm il-htiega li jigi mharrek ukoll l-Avukat Generali. Ghaldaqstant jirrizulta li din l-ewwel eccezzjoni hija gustifikata u ser tghaddi sabiex tigi milqugha.

Illi fit-tieni eccezzjoni preliminari tal-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta et. titqajjem wkoll l-eccezzjoni li l-Logotenent Ian Ruggier, il-Logotenent Kurunell Mario Borg u Gunner Johann Cachia f'isimhom personalment mhumiex il-legittimi kontradittturi u dan peress li jsostnu li huma dejjem agixxew fil-funzjoni ufficcjali taghhom fl-istruttura ta' impjiegi gewwa l-Forzi Armati ta' Malta u qatt ma agixxew personalment. Il-Qorti tqis li din l-eccezzjoni ma ghandhiex tigi deciza f'dan l-istadju tad-decizjoni izda wara u flimkien mal-mertu. L-istess jinghad dwar it-tielet eccezzjoni tal-Logotenent Christian Vella[8].

**Fatti:**

Illi l-Qorti in vista tal-provi u xiehda pjuttost voluminuzi fl-atti tqis li ghall-ahjar spedizzjoni ta' din id-decizjoni ghandhom jinghataw il-fatti permezz ta' 'time-line' kif jirrizultaw mill-atti:

1. Ma hemmx kontestazzjoni li Matthew Psaila beda jifforma parti mill-Forzi Armati ta' Malta sa minn Marzu, 2008 fejn dak iz-zmien

[8] Ara risposta a fol. 30 tal-process.

kien dahal bhala rekluta.[9] Huwa kien spicca r-reklutagg tieghu f'Gunju 2008.[10]

2. Jirrizulta minn bosta xhieda rapprezentanti tal-Forzi Armati ta' Malta fl-atti, kif ukoll ammess mill-istess rikorrenti Mary Anne Psaila[11], li malli spicca r-reklutagg Matthew Psaila nghata l-possibilita' li jaghzel ma' liema parti mill-Forzi Armati huwa xtaq imur jahdem u hu ghazel is-C Company (Special Duties). Johrog mill-atti li din il-kumpanija partikolari taqa' taht l-ewwel regiment u kienet meqjusa bhala l-*elite* tal-armata ghaliex kienet tinghata tahrig ferm aktar minn rekluti ohra fi hdan il-bqija tar-rigmenti fl-Armata. Ghalhekk jirrizulta mill-atti li min jaghzel li jmur fis-C Company (Special Duties) ikun jaf minn qabel li din l-ghazla ser iggib maghha ferm aktar tahrig mill-bqija tal-Armata u dan ghaliex is-suldat fi hdan din il-kumpanija jinghata tahrig bhala infantier, kif deskritt ukoll fil-provi bhala 'suldat tal-gwerra.'

Illi minn diversi xhieda fl-atti johrog li l-ghan principali tat-tahrig partikolari li kien isir fi hdan is-C Company (Special Duties) kien sabiex dawn jigu mharrga jikkombattu ghall-gwerra partikolarment barra minn Malta fejn kienu jintbaghtu ghal diversi missjonijiet kif ukoll bhala sapport ghal emergenzi li jinqalghu fil-pajjiz fosthom f'kaz ta' gharar.

3. Illi jirrizulta li malli suldat jidhol fis-C Company (Special Duties) huwa jkun rikjest sabiex jaghmel il-livell l-aktar baxx ta' korsijiet provduti lis-suldati fi hdan din il-kumpanija liema kors jissejjah 'B3 infantry course' li jservi sabiex is-suldat jiehu l-hekk

---

[9] Ara affidavit ta' Anthony Psaila a fol. 35.
[10] Ara affidavit ta' Mary Anne Psaila a fol. 40.
[11] Ara affidavit ta' Mary Anne Psaila a fol. 40.

imsejha 'trade' ta' Fantier.[12] L-ezercizzju li kien qed isir nhar it-13 ta' Frar, 2009 u li kien qed jippartecipa fih Matthew Psaila jifforma parti minn dan il-kors. Hemm qbil bejn id-diversi rapprezentanti u intimati mpjegati tal-Forzi Armati ta' Malta li dan il-kors jirrikjedi li jsir fl-ilmijiet u f'kundizzjonijiet ta' temp kiesah. Hemm qbil ukoll bejn l-intimati u x-xhieda tal-Armata li jkun inutli li dan isir fis-Sajf kemm ghaliex l-intiza hi li s-suldati jigu mharrga f'kundizzjonijiet avversi wkoll ghaliex fic-Chadwick Lakes fis-Sajf ma jkunx hemm ilmijiet. Hareg ghalhekk minn bosta xhieda li kien normali li dan il-kors, li kien ilu jsir ghal madwar hmistax-il sena (15) qabel ma sehh l-incident, isir fix-xhur ta' bejn Jannar u Marzu. Ukoll irrizulta li normalment dan kien isir darba jew darbtejn f'sena skont kemm ikun hemm konkorrenza ta' suldati ghal dan il-kors.

4. Illi l-kundizzjonijiet tat-temp fil-gurnata qabel l-ezercizzju u dakinhar tal-ezercizzju jirrizultaw li kienu ta' xita, silg u hafna kesha. Dan huwa evidenzjat kemm minn bosta xhieda li kienu prezenti ghall-ezercizzju kif ukoll mix-xhieda tar-rikorrenti fl-affidavits taghhom u minn rapporti u xhieda ta' esperti li tqabbdu fl-inkjesta mmexxiha mill-Magistrat Inkwirenti wara l-incident il-Magistrat llum l-Onorevoli Mhallef Consuelo Scerri Herrera. Partikolarment izda l-kundizzjonijiet tat-temp xehed dwarhom fl-atti Joseph Sciavone ufficjali tal-ufficcju Meteorologiku li prezenta dokumenti a fol. 197 et. seq.

A fol. 197 jirrizulta li t-temp gurnata qabel l-incident kien f'temperatura li tvarja bejn minimu ta' 7.3 grad Celsius u massimu ta' 12.1 grad Celsius u l-kundizzjoni kienet predominata minn xita u silg.

---

12 Ara fost ohrajn ix-xhieda tal-Maggur Nicholas Cassara fol. 190 A tal-process.

A fol. 198 jirrizulta li t-temp dakinhar tal-ezercizzju, (liema ezercizzju jirrizulta li kien qed isir fil-hinijiet kmieni ta' filghodu wara s-7.30a.m. kienet tvarja bejn is-6 gradi Celsius u s-7 gradi Celsius. Il-kundizzjonijiet f'dawk il-hinijiet kienet ta' 'Rain and hail showers' bejn is-6.00a.m. u d-9.00a.m. u 'Isolated rain showers' bejn id-9.00a.m. u nofsinhar.

5. Skont ix-xhieda tal-Kurunell Christian Vella u sotto-ufficjal tieghu Marvic Peregin gurnata qabel l-ezercizzju huma kienu wettqu dak li jissejjah 'recce' fuq il-post li jikkonsisti f'rikonjizzjoni tal-post sabiex jigu identifikati xi perikoli u l-kundizzjonijiet tas-sit sabiex isir l-ezercizzju l-ghada[13]. Ghalkemm fl-atti l-Kurunell Christian Vella jinsisti li huma kejlu l-gholi tal-ilma fic-Chadwick Lakes lejliet l-ezercizzju permezz ta' uzu ta' qasba, Marvic Peregin fl-atti tal-inkjesta esebiti fl-atti jixhed:

'jien ma kontx naf li l-ilma kien daqhekk fond ghax meta morna naraw dik il-parti tar-rotta lejliet il-jum ta' l-ezerizzju ma kejjilniex il-fond ta' l-ilma.'[14]

---

[13] Skont ix-xhieda tal-Kap. Kmandant ta' dak iz-zmien il-Brigadier Carmel Vassalo 'recce ' tikkonsisti:
*'dak li jorganziza l-ezercizzju irid jiehu kalkolu kemm ser jiehu hin, irid jiehu kalkolu tad-diffikultajiet li jistghu jiltaqghu maghhom is-suldati u iktar importanti huwa li jghid isma dan l-ezercizzju jifilhu ghalih? Jiena wassalthom sa dan il-livell" Jew jiena qed nghidlu dan biex jaqbad u jaqbez gholi ta' 4 metri meta ghadni ma ghallimtux jabqez 2 metri. Qed nigi mistoqsi allura min qed jorganizza iridx ikun jaf il-hila u l-kapacita ta' kull min qed jippartecipa nghid li dan bhal kull kors iehor hemm sillabu li jkun maghmul biex lilek itellghek bicca bicca. F'kollox huwa hekk. U nahseb li min organizza l-kors hu kien konvint li diga hejjiehom ghal dik il-parti tal-kors. Il-kors huwa xi haga li dejjem qed izzid inti fit-taghlim tieghek.'* (fol. 93)

[14] Fol. 266.

Illi fi kwalunkwe kaz jirrizulta li l-intimat Christian Vella isostni li meta kejjel bil-qazba rrizulta li f'certu postijiet il-qazba wriet li l-ilma kien aktar gholi minn tulu u ghalhekk kien jaf li f'certu postijiet is-suldati kien ser jehtigilhom jghumu.

Wara li saret l-hekk imsejjha 'recce' l-intimat Christian Vella ha hsieb li l-ekwipaggament kollu disponibbli fl-Armata ghall-uzu ta' 'health and safety' kellu jittiehed maghhom ghal waqt l-ezercizzju u dan tpogga fuq land-rover li kien inkarigat li jsuqha u jiehu hsieb il-kontenut taghha l-intimat Johann Cachia. Dan l-ekwipaggament irrizulta minn bosta partijiet fl-atti li kien jikkonsisti fi tlett 'logs' li kellhom jitqassmu wiehed ghal kull skwadra ta' suldati sabiex isir l-ezercizzju bih u jservi wkoll bhala 'safety' biex izomm mieghu min isib diffikulta biex jghum, hames 'life rings', hbula u numru ta' 'sleeping bags' intizi sabiex jekk xi suldat ibati bil-hypothermia dawn jiddahhlu fihom. Kellhom ukoll zewg first aid kits. Hemm qbil li dakinhar tar-rikonjizzjoni ma tkejjlitx it-temperatura tal-ilma b'xi apparat, anki ghaliex skont l-intimat Christian Vella l-Armata ma tipprovdix dan l-apparat, izda huma kejluha billi dahhlu parti minn saqajhom u jdejhom fl-ilma. L-istess Christian Vella jikkonferma li kemm lejliet kif ukoll dakinhar tal-ezercizzju huwa hass l-ilma kiesah.[15] Pero' ma setax jghid it-temperatura tal-ilma x'kienet.

Jirrizulta mill-atti li sa dak iz-zmien din ir-'recce' jew ahjar rikonjizzjoni tal-post u analizi tad-diffikultajiet ma kinitx issir bil-miktub izda kienet issir b'mod vizwali u verbali bejn min imur jaghmilha.

---

15 Fol. 593: 'L-ilma konna nafu li hu kiesah. L-iskop tal-ezercizzju jkun li jsir f'temperaturi keshin.'

6. Illi dakinhar li kellu jsehh l-ezercizzju cioe' nhar it-13 ta' Frar, 2009 jirrizulta li kien missier Matthew Psaila li wassal lil ibnu bil-karozza sal-Hamrun fejn minn hemm huwa mar ma' persuna lejn ix-xoghol. Matthew Psaila kien qal lil missieru li kellu ezercizzju u li probabbli gej hafna caflis habba l-maltemp izda skont il-missier huwa ma semmiex ghawm.[16]

Jirrizulta wkoll li s-suldati li kienu ser jiehdu sehem f'dan l-ezercizzju ntalbu jlestu u jiehdu maghhom l-hekk imsejjah 'webbing' li jkun basket b'certu affarijiet basici li jkollok bzonn meta tkun fuq missjoni fosthom hwejjeg ta' tibdil u ilma. Kienu lebsin hwejjeg tal-Armata fosthom zarbun moghti lilhom mill-Armata. Kellhom ukoll rifle imdendel ma' darhom u helmet. Ma hemmx qbil fl-atti dwar kemm jizen dan l-apparat kollu fuqhom fejn l-intimati fin-noti taghhom jinsistu li dan jizen madwar 3 kilogrammi filwaqt li r-rikorrenti jsostnu li dan jitla' ghal madwar 13-il kilogramma. Ma hemmx dubju izda li dan l-apparat kollu jvarja fit-toqol fil-mument li dan jixxarrab fis-sens li jigi aktar tqil.

L-ezercizzju li kellu jsir gie deskritt mix-xhieda bhala wiehed ta' 'team building' u li fih kien mistenni li s-suldati jghinu lil xulxin sabiex jimxu tragitt parti fl-ilmijiet u parti fuq l-art sabiex ukoll bejniethom jingarr il-'log' li gie pprovdut lil kull skwadra. Dan fl-istess hin li fuqhom ikollhom l-apparat hawn fuq imsemmi sabiex jaghmel l-ezercizzju aktar difficli u 'challenging'.

7. Dwar dak li sehh dakinhar minn x'hin is-suldati waslu fuq il-post l-aktar xhieda rilevanti u li jitfghu dawl fuq dak li gara huma Marvic Peregin li kien inkarigat mill-iskwadra ta' ghaxar minn nies, disat'irgiel u mara li fih kien hemm ukoll Matthew Psaila u wkoll ix-xhieda ta' uhud minnhom li jirrizulta li wkoll sabu

---

[16] Affidavit ta' Matthew Psaila a fol. 35.

ruhhom f'diffikultajiet mhux zghar x'hin l-ezercizzju wasal taht mina fejn l-ilma f'diversi partijiet minnha ma kienx ilahhqilhom apparti li kien ilma mahmug u wkoll kien hemm il-kurrenti tal-ilma.

Jirrizulta illi l-intimat Kurunell Christian Vella kien il-persuna inkarigat mill-'platoon' koncernat. Jigi spjegat fix-xhieda ta' Christian Vella li 'platoon' jikkonsisti minn ammont ta' nies bejn 25 u 30 ruh.[17] Dan jigi assenjat lilu mis-Superjur tieghu u l-ammont ta' nies li jkollok tahtek ikun jiddependi mir-Rank li jkollok. L-ammont ta' nies fuq il-post kienu mill-anqas 29 suldat sabiex jaghmlu t-tahrig li gew imqassma fi tlett skwadri ta' 10, 10 u 9 u sitta ohra bhala 'safety officers'.[18] Dawn is-'safety officers' kienu jinkludu lill-istess Christian Vella, l-intimat il-Bombardier Johann Cachia nkarigat li jsuq il-Land Rover bis-'safety equipment;, Marvic Peregin li kien inkarigat mill-ewwel sezzjoni ta' 10 u li minna kien jifforma parti Mattew Psaila. Kien hemm zewg persuni ohra li kienu nkarigati kull wiehed miz-zewg gruppi l-ohra u persuna ohra li kien inkarigat li jsegwi l-perkors tal-ezercizzju flimkien mal-Kurunell Christian Vella.

Hemm qbil bejn ix-xhieda li x'hin dawn waslu fuq il-post il-persuni ntizi li jiehdu hsieb l-iskwadri, wiehed kull skwadra, nkluz Marvic Peregin ntbaghtu mill-Kurunell Vella flimkien ma' Marvic Peregin sabiex dan jurihom il-perkors li kellhom jiehdu tul ic-Chadwick Lakes stante li Peregin kien ghamlu gurnata qabel waqt ir-rikonjizzjoni. Sakemm dan kien qed isir il-Kurunell Vella ra li s-suldati ghamlu l-'warming up' u spjegalhom bejn wiehed u iehor fhiex jikkonsisti l-ezercizzju li kien ser jaghmlu. Jghid li s-

---

[17] Xhieda ta' Logotenent Christian Vella a fol. 359.

[18] L-ammont ta' nies kien konfermat fix-xhieda tal-iSpettur Robert Vella a fol. 422 tal-process.

suldati f'dan l-istadju gew mistoqsija jekk hemmx xi hadd li ma jafx jghum u jsostni li hadd minnhom ma gibed l-attenzjoni tieghu. Id-29 suldat gew maqsuma kif gia inghad fi tlett skwadri. L-ewwel skwadra gie nkarigat minnha Marvic Peregin. Marvic Peregin jixhed li huwa rega' spjega l-ezercizzju lis-suldati nkluz Matthew Psaila u rega' staqsa jekk kienx hemm min ma jafx jghum (ghaliex skont hu jifhem li forsi quddiem kulhadd ikun hemm min jiddejjaq jammetti li ma jafx jghum allura rega' staqsa x'hin kienu grupp izghar) u jghid li dak il-hin kien certu Gunner Darren Galea li gibidlu l-attenzjoni li ma kienx jaf jghum sew hafna. Marvic Peregin jghid li ghalhekk huwa taha struzzjonijiet lil Darren Galea sabiex joqghod fuq il-parti ta' wara tal-iskwadra sabiex ikun jista' jarah u li jekk ikun f'diffikulta' jzomm mal-'log'. Marvic Peregin isostni li hadd aktar ma gibidlu l-attenzjoni li ma jafx jghum inkluz Matthew Psaila. Dan huwa konfermat ukoll mix-xhieda tas-suldati l-ohra fl-iskwadra fosthom Darren Galea[19], Lyndsay Borg Magro[20], Roderick Camilleri[21] kif ukoll mill-Bombardier Johann Cachia a fol. 158. Darren Galea ma nghata l-ebda taghmir ta' protezzjoni iehor nonostante li gibed l-attenzjoni li kellu diffikulta' biex jghum.

A fol. 158 tal-process l-intimat **Bombardier Johann Cachia** jixhed ukoll kif isegwi:

*' . . . gurnata qabel staqsejt lil Lt Christian Vella rigward jekk hemmx xi nies li ma jafux jghumu jaghmlux l-ezercizzju xorta, qalli iva jaghmluh xorta u f'kaz li jsibu diffikulta, izommu mal-lok.'*

---

[19] Xhieda a fol. 60 et seq.
[20] Xhieda a fol. 97 et seq. u 109 et seq.
[21] Xhieda a fol. 146 et seq.

L-istess Johann Cachia li kien inkarigat mis-'safety equipment' fil-land rover jikkonferma li hu ma setax ikun fl-ilma mas-suldati ghaliex hu kien inkarigat li jsuq il-landrover u din trid issuqha fit-triq ghalhekk tul l-ezercizzju kien jimxi mat-triq u jsib l-aktar post vicin fejn ikun wasal l-ezercizzju.

L-intimat Christian Vella jispjega wkoll fix-xhieda tieghu li l-iskwadri kif imqassma fi tlieta ma tnizzlux fit-tragitt kollha f'daqqa izda wahda wahda fejn thalla ftit hin bejn skwadra u ohra sabiex dawn ma jahtbux u jfixklu l-xulxin.

8. A fol. 509 et seq tal-process tinsab ix-xhieda ta' **Marvic Peregin** li kien inkarigat mill-iskwadra ta' Matthew Psaila fejn jaghti mill-perspettiva tieghu x'sehh waqt l-ezercizzju u l-hin tal-incident kif isegwi:

*'L-ewwel parti ta' l-exercise kienet just nimxu, kien hemm passagg dejjaq u stajna nimxu. L-iskwadra tieghi kienet fuq quddiem u jien warajha u l-ewwel bicca ghamluha minghajr problemi ta' xejn. Gejna ghall-ewwel parti ta' l-ilma, in-nies semghu li ghedtilhom jien, jigifieri tfajna l-log go l-ilma, in-nies nizlu fl-ilma u ghumejna l-ewwel parti ta' l-obstacle li kienet waterage. Jigifieri l-ewwel parti ta' l-ilma ghumejniha. Ergajna tlajna fuq l-art u ergajna imxejna t-tieni parti li kienet hard surface. Hemmhekk is-suldati ma kellhomx problem lanqas. Gejna ghat-tieni bicca ta' l-ilma fejn hemmhekk kien l-accident. Fit-tieni bicca ta' l-ilma jien ergajt ordnajtilhom biex naqsmuha l-istess bhal ma qsamna l-bicca ta' qabel, regghu waddbu l-log go l-ilma. Nizlu s-suldati kollha fl-ilma u bdejna naqsmu.*

*Gejna taht it-tunnel. Kif wasalna taht it-tunnel il-female Borg Magro hemmhekk daret lejja u qaltli li qed issib diffikulta biex tghum. Jien qbadtha u tellajtha fuq l-art, u kien hemm leftenant Vella fuq l-art u ghedtlu u hadha over hu. Egajt inzilt fl-ilma biex inkompli ma' l-*

*iskwadra tieghi. Kif ergajt inzili fl-ilma mal-ewwel nara li Gunner Galea illi nizel kompletament taht l-ilma, tela' u rega' nizel ghat-tieni darba. Jien ghumejt lejh u ergajt ittowjajtu lura biex intellghu lura. Tellajtu l-art, u rega' kien hemm leftenant Vella u tajtu over lil Leftenant Vella. Kif harist lura biex nerga' ninzel fl-ilma biex inkompli mal-kumplament tat-team inqala' paniku kbir, nies jimxu 'l quddiem, nies jigru lura u ovvjament kien hemm daqxejn ta' kommuzzjoni. Once li kien hemm il-panic jiena ghajjat lil kulhadd biex jitla' minnn l-ilma. Telghu kollha minn l-ilma u bdiet tissejjah dik li ahna nghidulha 'head count' nara li ghandek lil kulhadd.'*

Izid ukoll li dak il-hin hu kien ukoll fl-ilma, ra li tela' kulhadd u kien baqa' *floating* biss il-*log*.

Dwar il-problemi li sabu ruhom is-suldati ta' dik l-iskwadra x'hin gew taht il-mina xehdu diversi minnhom. A fol. 62 jixhed **Gunner Darren Galea** li kien il-persuna li ndika qabel l-ezercizzju li ma kienx jaf jghum wisq u a fol. 62 jixhed kif isegwi:

*'Imbaghad wasalna f'din qisha arkata u kellna nghaddu minnha u jiena hemm hekk sibt diffikulta u qabditni hypothermia u la flaht nitkellem, gismi ma taghnix li mmur lura biex nitla' lura. Imbghad jien pruvajt nghajjat lil xi hadd biex jghini imma ma rnexxilix ghax ma flahtx nitkellem. Imbghad bdejt ninzel jiena, bdejt neghreq. Bdejt inserrah fuq il-ponot ta' subghajja biex niehu n-nifs u nerga ninzel. Pruvajt nnehhi ic-cinga tar-rifle u ma rnexxilix. Zammejt in-nifs u bdejt inxejjer idejja biex nitlob 'l Alla li xi hadd jinzel ghalija. Gew jghinuni fil-fatt. Gew jghinuni gunner George Attard u Lance Bombardier Peregin. Imbghad dak il-hin jiena kont hypothermia u tefghuli sleeping bag biex nerga nigi lura normali. '*

Mistoqsi x'gara dak il-hin minn Matthew Psaila jghid li ma jafx x'ghamel ghalkemm kien fl-iskwadra tieghu ghaliex hu kien gos-'sleeping bag' imnezza u ma kienx qieghed tajjeb.

A fol. 100 **Gunner Lydsay Borg Magro** tixhed kif isegwi:

*'Meta tlajt fuq il-hamrija u ergajt inzilt gol-ilma qed nigi mistoqsija x'hassejt nghid li hassejtni ahjar mill-ewwel darba li nzilt fl-ilma. Hassejtu inqas kiesah. Il-gisem kien qed joqghod ghall-ilma u kont lesta biex nkompli l-parti l-ohra tal-ezercizzju. Imbghad filli kont miexja mal-ohrajn u ma baqax ilahhaqli u ma rnexxilix inkompli. Pero kien hemm Lance Bombardier Peregin u kien qed ihares lejja u beda jghidli biex nipprova nghum u bdejt nghidlu li ma bediex jirnexxili nlahhaq mal-ohrajn u qabadni u tefghani mal-genb. Qed nigi mistoqsija ghaliex ma stajtx nghum f'dik il-parti, qed nigi mistoqsija jekk hux ghax ma nafx nghum nghid li le naf nghum. Pero hassejtni tqila. Bdejt inhoss ir-rifle jigbidni 'l isfel ghax kelli r-rifle mieghi u il-helmet bdiet ttellfini. Bdejt inhossi tqila. Ma bediex jirnexxieli. Bdejt inhossni physically weak. Qed nigi ghaliex kont f'din il-kundizzjoni li ma stajtx nghum u niccaqaq nghid li ghalija kelli hafna weight fuqi dak iz-zmien. Qed nigi mistoqsija jekk inziltx taht l-ilma ghal iktar minn darba nghid jiena sibt diffikulta kbira biex nibqa 'l fuq mill-ilma. Pero dejjem kien hemm Lance Bombardier Peregin. Jigifieri qatt ma kont qed nibza ghal hajti. Kont qed inhossni safe dak il-hin. Ma kontx naf x'inhu jigri. Qed nigi mistoqsija jekk jiena kellix xi mument li nzilt taht l-ilma, hassejtni bla kontroll jew bdejt nippanikja nghid li ma bdejtx nippanikja pero kont naf li qeghda f'diffikulta u hin minnhom beda jirnexxieli nitla fil-wicc u bdejt nara lil xi hadd iehor qed jaqbad mieghi biex izomm fil-wicc ukoll imbghad bdejt nghid mela mhux jiena biss qeghda f'diffikulta. Kull darba li tinzel tmiss mal-art u taghti skoss u terga titla'. Ma niftakarx kemm-il darba spiccajt taht l-ilma. Darba minnhom meta tlajt rajt lil Gunner Galea jipprova jaqbad mieghi. U hemm hekk gibidni Peregin imbghad u tefghani fil-genb. Gunner Galea qabad mieghi ghax kien f'diffikulta hu*

*wkoll . . . . . l-attenzjoni dak il-hin kienet fuq Gunner Galea ghax kien qed jghum 'l boghod, jekk ahna konna qed nghumu fuq ir-right, kien qed imur fuq il-left tal-mina, qisu kien imgerfex. U kien qed jippannikkja ftit Gunner Galea. L-attenzjoni kienet fuqu. . . . . Qed nigi mistoqsija jekk kontx koncerntrata x'ser naghmel f'dik id-diffikulta li kont fiha li kieku ma kienx hemm Peregin nghid li ma nafx x'kont naghmel. Ma kinitx daqshekk kesha li ma nahsibx x'inhu jigri. Dak il-hin gismi kien drah l-ilma u l-kesha ma baqghetx ddejjaqni. Li bdiet ddejjaqni dak il-hin kien li bdejt inhoss il-piz fuqi. Il-kesha jiena kont drajtha sa dak il-punt sa x'hin wasalna that il-mina. Qed nigi mistoqsija jekk kellix kontroll fuq il-muskoli tieghi f'dawk il-kundizzjonijiet partikoalri nghid li bdejt niccaqlaq minghajr diffikulta. L-unika diffikulta tieghi mhux ghax il-kesha bdiet twaqqafni. Il-muskoli tieghi bdew ihossuhom weak minhabba l-weight ghax bdejt qisek tfajt xi haga tqila wisq ghalik u taf li ser titlaqha f'xi hin. Dik biss l-unika haga. Bhala weight kelli l-webbing. L-istandard tal-webbing huwa li jkollok il-water bottle li bl-fors irid ikun mimli, ir-rifle kit, kellna il-magazines tar-rifle vojta nahseb, probabbli kellna xi 5 magazina, basic first aid, nugget u brush. Dawn huma affarijeit li nuzawhom fl-infanterija u l-hin kollu fuqek. Hu normali li jdejjquk. Dak il-hin hassejthom tqal.'*

A fol. 48 et seq jixhed **Gunner Wayne Bonello** li wkoll kien mal-iskwadra ta' Matthew Pisani. Huwa jispjega li sa qabel il-mina fejn sehh l-incident kien hemm partijiet fejn ma kienx ilahhqilhom izda kollha rnexxielhom jaslu sa hdejn il-mina bla diffikulta. Jghid li kien hemm min serrah mal-log ghax ma kienx ilahqilhom. Ikompli a fol. 58:

*'Imbghad imxejna kollha. Ersaqna fuq ir-right taghna kollha u bdejna mexjin fuq il-haxix. Kulhadd jinkuragixxi lil kulhadd. L-instructor li kellna, l-NCO qalilna li ser nghaddu minn taht mina. Dan kien Lance Bombardier Peregin. Minn hemm hekk min kien quddiem qabad u intefa go l-ilma taht il-mina u ezattament qabad jaqsam ghan-naha l-ohra ta'*

*taht il-mina. Kemm hi twila l-mina ma nafx pero nahseb il-wisa' tat-triq. Minn hemm hekk kien hemm xi nies li lahqu qasmu u bdew jghidulna li huwa gholi biex naqsmu fuq il-gnub tal-mina fejn ikun hemm daqxejn slope li tista' tlahhaqlek. Minn hemm hekk ezattament jien l-ewwel wiehed spiccajt f'diffikulta wkol ghax bdejt neghreq ukoll. In-nies kulhadd bil-helmet u hekk u ma tantx tgharafhom u anke minhabba d-dlam. Kellna camouflage ma wiccna wkoll. Nghid jien kelli diffikulta minhabba li mhux ghax ma nafx nghum imma bit-toqol fuqi fl-ilma u ma bdejtx inlahhaq. U l-ilma kien ilma helu mhux mielah u ma jghinekx zgur u bdejt ninzel. Gheriqt xi 3 darbiet, ninzel fil-qiegh, nippuxxja b'saqajja, nerga nitla niehu n-nifs u flok mmur 'l quddiem bdejt mmur lura fejn kien ilahhaqli u minn hemm hekk xeba ghajjat u tgegwigija. Kien hemm xi nies bhal persuna li beda jghin kien fejn ilahhaqlu u beda jigbed in-nies lura. L-ilma kien kiesah pero ma nafx nghid it-temperatura tal-ilma x'kienet. Din it-temperatura kien hemm certu nies li anke qabdhithom huypothermia. Jien ghall-ewwel ma qabditnix hypothermia u spiccajt mort nipprova insahhanha jiena. Tefghulna sleeping bag fuqna biex nishnu. Inzajt il-hwejjeg minhabba is-shana tal-gisem li ssahhan lill-gisem l-iehor. Il-persuna l-ohra gie all right u f'daqqa wahda spiccajt jien bil-hpothermia. Mistoqsi jekk kienx hemm ufficjal tal-health and safety nghid li le. Kien hemm persuna fuq il-bridge u ma kinitx qed tippartecipa ezattament isfel. Kienet fuq u kellha xi salvauomo u beda jiftahomlna anke bil-habel. Mistoqsi min kienet din il-persuna . . . minghalija kienet Lance Borħmbardier Cachia . . .Nghid l-ilma ma kienx nadif u fil-qiegh kien hemm anke il-hama. Kien imdardar bhala ilma.'*

Izid li wara li tela' jaf li twaqqaf l-ezercizzju, saret head count, sema li kien hemm xi persuna nieqsa, ra l-Kurunell Christian Vella gie fuq quddiem sabiex jaghti l-ghajnuna u mbaghad sema' sibnih sibnih izda ma kienx jaf ghal min qed jghidu.

A fol. 69 et seq xehed **Gunner Rouven Gallo** li filwaqt li jixhed li sa dik il-parti tal-ezercizzju qabel il-mini ma sabu l-ebda diffikulta` sabiex jaghmlu l-ezercizzju, jiddeskrivi dik il-parti tal-ezercizzju fejn sehh l-incident kif isegwi:

*'Gejna f'certu punt fejn kien hemm mina taht l-art u hemm hekk ergajna ltqajna bhala grupp u ser nergghu nitqassmu biex nidhlu ghal taht il-mina. Nghid l-ilma ma kienx car. Nghid li l-qiegh tal-ilma ma tarahx u kien hemm ftit kurrent ukoll. Nghid l-ilma fil-fatt kien mahmug. Qed nigi mistoqsi fuq it-temperatura tal-ilma nghid jien hassejtha temperatura normali pero ma kienx bhal ta' Awissu. . . F'certu punt wasalna iktar fin-nofs u nisma lil Lance Bombardier Peregin u xi nies jghajjtu biex nitfghu il-log lura ghax il-log izommok. Jiena ghamilt hekk u hallejtu riesaq lura l-log u bqajt inhares 'l quddiem. Sa dan it-tant nisma naqra panic u kif dort inhares lura rajt lil shabi fid-diffikulta. L-ixkubetta tieghi kienet fuqi marbuta mieghi. F'certu punt dawwart wici u nara lil shabi fid-diffikulta. Minn hemm hekk qabditni certu biza' u bdejt nippanikkja jiena qisni. U l-ilma kien fond hemm hekk. Nghid li l-ilma kien li kieku inzilt ftit iktar kont mmiss il-qiegh pero ma nistax nghid ezattament kemm. . . . Dak il-hin bil-biza bdejt inhossni batut hafna u gejt f'punt li s-sahha tieghi telqet. . . mistoqsi kif nispjega li telqet sahhti nghid li bil-biza'. Qisni ma kontx naf x'ser naqbad naghmel jien. Minn hemm hekk jiena bdejt ninzel u mmiss il-qiegh. Qed nigi mistoqsi jekk jistax ikun sahhti tleqet minhabba l-kesha wkoll u mhux minhabba l-biza biss nghid li dak il-hin ma tibdiex tikkalkula. Jiena bdejt ninzel taht l-ilma wkoll imbghad. Li gieni go mohhi jiena la li narmi r-rifle, xejn, li nibqa' ghaddej 'l quddiem. Biex ghidt qisni ha nistrieh naqra, inzomm on my right ghax jiena kont fuq il-left. Issa biex immur on right forsi kelli 1 metre u biex wasalt niehu spinta u naqbez u noghodos u nerga niehu spinta u naqbez sakemm mort on the right. Minn hemm gie siehbi hdejja u iehor quddiemi u bqajna mexjin 'l quddiem u hrigna mill-mina. Nghid li ma kellix diffikulta biex niehu nifs. Qed nig mistoqsi jekk blajtx ilma nghid li le. Ma nafx dwar shabi.*

*Minn hemm kif qbizna l-mina gejt f'punt li tlajt bil-wieqfa. Hemm hekk frizajt ghax waqaft u hassejt il-kesha. U sa dan it-tant, sakemm tlajt, kien hemm konfuzjoni. Jiena wasalt fit-tarf u nara sigra narma ser nitla' maghha.'*[22]

A fol. 146 et seq xehed ukoll **Gunner Roderick Camilleri** li kien fl-iskwadra ta' Matthew Psaila li wkoll jghid li ghalkemm huwa persuna twila u fizikament b'sahhtu dakinhar sab ruhu f'diffikultajiet kbar tant li kellu jerhi r-rifle fl-ilma ghas-sigurta` tieghu. Jixhed li ghalkemm assuma li ser ikollhom it-toqol u l-kesha:

*'Li jkun hemm ftit ilma fic-Chadwick Lakes assumejtha wkoll imma ma kontx qed nistenna li ser ikun hemm ilma ma jlahhaqlix. Nghid jiena kont hsibt li jkun baxx hafna l-ilma fic-Chadwick Lakes. '*

Mistoqsi ghal xiex jatribwixxi l-problemi li sab ruhu fihom taht il-mina jghid:

*' . . . nghid li l-webbing huwa kollu pockets u jintlew bl-ilma. Iz-zarbun ikun tqil ukoll u ma kienx fih drainage ta' ilma. Once li jidhol l-ilma fiz-zarbun, ma johrogx lura. Dan hu zarbun li jaghtuna l-armata. Il-fond tal-ilma li ma kienx ilahhaqli kienet wahda mill-fatturi kif wkoll il-kesha u t-toqol tal-affarijiet li kellna fuqna li diga semmjethom u l-ilma kien ilma helu u kien mimli hama. Nghid li l-kesha ma ghenitx dak inhar. Malli kont imwahhal mal-hajt permezz ta' din it-toqba, imbghad komplejt miexi mal-hajt sakemm tlaqjt fuq il-haziz. Sar head count. Imbaghad sussegwentement nizlu mill-ewwel ghal Matthew . . . l-ilma kien kiesah hafna, kien hemm hafna bard. Fil-fatt nghid li ghalkemm hisbt li kienet avventura, imbghad bdejt nitlob lil Alla jsalvani ghax bdejt*

[22] Ara fol. 72 u 73.

*nibza hafna. Il-piz li kellna ostakola l-moviment taghna ghax meta nehhejt ir-rifle kont hadt ir-ruh.'*

Jixhed li x'hin dahlu taht il-mina kulhadd beda niezel taht l-ilma, nqala panic kbir u l-'log' harbilhom. Jghid ukoll li dak il-hin beda jisma' ghajjat u storbju mill-ohrajn u beda jara lil Peregin jigbed in-nies. Jghid li ghall-ewwel minn numru tal-'head count' indunaw li kien hemm xi hadd nieqes. Jikkonferma li kien hemm numru ta' persuni fl-iskwadra li qabdtihom il-hypothermia.

A fol. 156 et seq tal-process jixhed l-intimat il-**Bombardier Johann Cachia** u jghid li hu kien wieqaf bil-land rover u s-'safety equipment' fiha fit-triq fuq il-mina fejn sehh l-incident. A fol.157 jghid li l-posizzjoni kif kienet il-mina, hadd ma seta' jaraha ghajr min kien fiha. Jixhed li l-kumment generali kien li l-ilma kien kiesah hafna u dan kien ikkonfermahulu wkoll Christian Vella. Skont kif gara l-incident minn dak li jaf hu jixhed kif isegwi:

*'Nisma kunjomi, 'Cachia, Cachia' kien Lance Bombardier Peregin qed jghajjatli u qbadt life ring jiena dak il-hin u qbizt u inzil fl-ilma. In-nies kienu diga telghu, min min-naha ta' mina u min min-naha ohra ta' mina u ghidtlu x'gara? X'ser naghmel? Qalli nahseb ghandna persuna nieqsa. U kien hemm dak il-hin persuna ohra gol-ilma li kienet mit-tieni sessjoni. Sakemm kien qed jaghmel head count, Lance Bombardier Peregin, kien qed jaghmel head count biex jara jekk hemmx persuna ieqsa u min hi din il-persuna nieqsa. U lahqitna t-tieni sessjoni. Nizel Gunner Roberto Scerri gol-ilma li kien wiehed mid-DS. Ghamel head count u n-nies bdew jghajjtu 'Psaila Psaila' u ovvjament Psaila kien fl-ilma. Kienet reazzjoni ta' ftit sekondi, ta' malajr. Inzilna fl-ilma. Bdejna infittxu. Konna jiena u Peregin li kien barra fil-mina jidderiegi kif ser infittxu u hekk. U kien hemm Roberto Scerri u Patrick Borg. Nghid li l-ilma kien jibda minn rkuptejk u jilhaq sa ponot subghajja. Jiena twil 1.80m. Gejna linja u bdejna mexjin flimkien. Hassejtu bil-ponot ta' subghajja. . . .*

*Gunner Jonathan Delia u ghal raguni li huwa twil, Lance Bombardier Peregin nizzlu maghna. Dak il-hin Delia kien hdejja u ghidtlu sibtu u inzilna flimkien ghalih. Tellghajnih ovjament ghax kien tqil u ppassjajnieh, Delia ppassjah lil Robert Scerri u lil Patrick sa fuq l-art.'*

Dwar it-temperatura tal-ilma jghid *'Meta qbizt fl-ilma ksaht. Waqfet qalbi. L-ilma qatghali nifsi.'*[23]

Jispjega wkoll li x'hin kienu qed ifittxuh fl-ilma ma kienx qed ilahhaqlu u hassu bil-ponot ta' saqajh.[24]

A fol. 565 fl-affidavit tieghu l-istess **Johann Cachia** jixhed kif isegwi:

*'Il-mument li jiena smajt ghajjat qisu paniku, mill-ewwel qbizt minn fuq il-pont ghall-ghalqa ta' taht, sejjahli Lance Peregin u inzilt fl-ilma biex nara x'gara u sussegwentement infittex lil Matthew Psaila. Domt madwar zewg jew tlett sekondi biex inzilt biex nibda t-tficcija tieghi. Ezatt kif sibtu, garrejtu fuq l-art bl-ghajnuna ta' shabi u bdejt naghmilu is-CPR. Ma waqaftx minn din il-procedura sakemm ahna wasalna l-Mosta bil-Landrover, fejn iltqajna mal-ambulanza biex jitiehed mal-ewwel l-isptar. B'hekk ahna kellna hin tar-rispons qasir hafna u mill-ewwel bdejna bil-proceduri kollha li kienu necessarji sabiex nghatu l-ghajnuna kollha li stajna lil Psaila.'*

9. Mill-assjem tad-diversi xhieda jirrizulta li mmedjatament li Matthew Psaila nhass fl-ilma dan ittella b'mod immedjat fuq l-art. Dak il-hin ma kellux 'pulse'. Giew iccekkjati l-'airway', il-'breathing' u l-'pulse' u nstab li ma kellux 'pulse'. L-intimat Cachia beda s-CPR mmedjatament filwaqt li l-Kurunell Christian

[23] Fol. 162.
[24] Fol. 162.

Vella ntimat taha struzzjonijiet immedjati sabiex icemplu l-ambulanza. Bdew iqattghu il-hwejjeg minn fuq Matthew Psaila u beda jsir 'mouth to mouth' u 'compression'. Meta bdew jeqilbuh beda johrog l-ilma minn imniehru izda xorta wahda ma bediex jinhass 'pulse'. Psaila tpogga fi 'sleeping bag' minhabba l-hypothermia[25]. X'hin ra li l-ambulanza kienet qed iddum l-Kurunell Chrisitan Vella ha d-decizjoni li titbattal il-land rover mill-ekwipaggament u Matthew Vella jitghabba fuqha u telqu lejn l-Isptar. Il-vettura hadet it-triq probabbli tal-ambulanza u fil-fatt iltaqghu u Matthew Psaila gie mghobbi fuq l-ambulanza u minn hemmhekk hadu 'over' l-ekwipagg tal-ambulanza.

10. F'dan l-istadju johrog mill-affidavits tar-rikorrent Anthony Psaila li ghall-habta tal-10.45 a.m. ircieva telefonata mill-Brigadier Carmelo Vassallo li qallu li ibnu kellu daqxejn ta' incident. Marru l-Isptar u sabu hafna suldati l-isptar. Jixhed li fizzjal qalilhom li Matthew kien qieghed fl-ITU. Kulhadd beda jghidilhom li ma jafux x'gara. Staqsa hux haj u infermiera qaltlu li iva u nsista li jarah. It-Tabiba qaltilhom li Matthew kien gie mtellgha mill-ilma wara li ghereq. Rawh fl-ITU u kien ghadu mhux mahsul. Kellu hafna pajpijiet hergin u dehlin, ma kienx f'sensih. Baqghu gejjin u sejrin l-isptar sakemm huwa miet tlett ijiem wara nhar it-16 ta' Frar, 2009. Jikkonferma li Matthew Psaila fl-ebda hin ma rega' gie f'sensih.

Dwar dan l-istadju fl-Isptar xehed ukoll il-Brigadier Carmel Vassallo a fol. 87 et seq tal-process li dak iz-zmien kien il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati. Huwa jixhed li sar jaf bl-incident x'hin kien l-ufficcju u hdejh kien hemm il-Logotenent Ruggier li rcieva telefonata dwar l-incident. Marru l-Isptar immedjatament wara li cempel lill-familja:

---

[25] Fol. 163.

*'fil-fatt jien mort hemm hekk u meta mort l-isptar kienu diga qieghdin hemmhekk il-genituri tieghu. Qaluli mill-ewwel li kienu dahhluh l-ITU u hemm hekk jien kellimt xi suldati ohra. Ftit warajja kien hemm Ian Ruggier dan li kien mieghi u hin minnhom harget mara u sirt naf li hija omm Matthew u konna qeghdin fil-kuritur hemm hekk u qaltli 'x'ghamlulu x'ghamlulu? Dak ma kienx jaf jghum'. Ghidtilha sinjura ahna lanqas nafu x'gara. Dan kien ezercizzju li jaghmlu s-suldati normali sa fejn naf jiena.'*[26]

Jghid li qatta' madwar erbghin siegha l-Isptar sakemm hareg ic-certifikat li Matthew Psaila kien miet.

Konsegwentement jghid li ordna li ssir inkjesta interna indipendenti minn dik tal-Magistrat. Innomina lill-Logotenent Kurunell Mario Borg intimat sabiex imexxi l-inkjesta, intimat fil-kawza odjerna.

**Responsabbilita:**

Illi fil-kaz odjern it-talbiet atturi jsibu l-bazi taghhom fil-principju tal-culpa akwiljana tal-intimati jew min minnhom u ghalhekk huwa rikjest li jkunu r-rikorrenti li jaghmlu l-prova tar-responsabbilta' sal-oghla grad possibbli li tinkolpa lill-intimati jew min minnhom ghall-fatt li Matthew Psaila miet mgharraq waqt il-qadi ta' dmirjietu:

*'20. L-azzjoni attrici hija wahda ta' danni, imsejsa fuq il-principju culpa akwiljana fil-konfront tas-socjetajiet konvenuti. Din il-materja tinsab trattata fit-titolu "Fuq id-delitti u l-Kwazi-Delitti" fl-Artikoli 1029 et sequitur tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta), fejn is-sens*

[26] Fol. 94.

*ewlieni hu li kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu (Artikolu 1031) meta jirrizulta li fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u lhsieb ta' missier tajjeb tal-familja (Artikolu 1032) jew li jkun ghamel jew naqas li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi (Artikolu 1033). F'dan l-ahhar kaz, jinghad ukoll li d-dannegjant irid ikun ikkommetta vjolazzjoni jew trasgressjoni ta' dover li:*

*"quando si parla di colpa per omissione, si deve intendere latrasgressione di un dovere per il quale taluno era in obbligo di fare quello che non fece, giusta l'aforisma 'qui non facit quod facere debet videtur facere adversus ea quae non facit".(Giorgi - Obbligazioni Vol V pag 151).*

*21. Fejn jidhlu incidenti fuq il-post tax-xoghol, meta persuna tkorri waqt li tkun qieghda twettaq il-qadi ta' dmirijietha, il-prova tar-responsabbiltà ta' dak li gara xorta taqa' fuq min ikun wegga' (l-attur). Il-fatt wahdu li persuna tkorri fuq il-post tax-xoghol, ma jfissirx li min ihaddem ghandu App. Civ. 775/08/2 19 bilfors igorr ir-responsabbiltà ghal dak li gara, jew li l-persuna li korriet tehles mill-htiega li tipprova l-allegazzjoni taghha. Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tas-socjetà appellata Panta Contracting Limited li f'dan il-kamp m'ghandux jigi adoperat il-kuncett ta' strict liability. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tat-3 ta' April, 2009 fil-kawza fl-ismijiet Felix Xerri v. Beechwood Limited.) Dana peress li, il-principju jibqa' li min jallega jrid jipprova. Dak li jrid jipprova l-attur appellant, huwa n-ness li dak li sehh, kien konsegwenza ta' xi agir jew xi nuqqas ta' min ihaddem jew tas-socjetà li kien qieghed jahdem fil-proprjetà taghha u li dak li gara ma jkunx konsegwenza ta' agir jew nuqqas tieghu stess.'* [27]

Il-Qorti ser tghaddi sabiex tikkunsidra l-aspetti varji tal-incident sabiex tkun tista' tasal ghall-konkluzjoni dwar ir-responsabilita':

---

[27] GeoffreyTanti vs. Panta Contracting Ltd (775/08/2) deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-25 ta' Frar, 2021.

**(i) Jekk Matthew Psaila kienx jaf jghum:**

Illi wara li sehh l-incident jirrizulta li qamet kwistjoni bejn il-partijiet dwar jekk Matthew Psaila kienx jaf jghum tant li l-intimati jsostnu li rrizulta li hu ma kienx jaf jghum u li kieku dan gabu a konjizzjoni tas-superjuri tieghu l-incident sfortunat li wassal ghal mewt tieghu ma kienx isehh.

Mill-atti jirrizulta li r-rikorrenti kollha li jigu l-genituri ta' Matthew Psaila u huh kollha jixhdu fl-affidavits taghhom[28] li Matthew Psaila kien kapaci jghum u dan sa minn meta kien zghir meta kienu kollha jmorru jghumu flimkien.

Fl-atti izda giet prezentata wkoll xhieda tar-rikorrenti **Mary Anne Psaila** li nghatat ftit jiem wara l-incident lill-Magistrat Inkwirenti li taqra kif isegwi:

*'fis-sajf li ghadda kien mar route march. Telqu mill-barracks Hal Far u imxew sa Delimara.*

*Hemmhekk kellhom exercise biex jaqsmu l-bajja fuq habel.*

*Minn kien il-Kaptan dakinhar ma nafx.*

*Naf li t-tifel dakinhar kien qalli li lil tal-Armata qalilhom li ma jafx jghum.*

*Huma qalulu li jekk jaqa jkun hemm mieghu pronti biex jigbruh.*

*Lili ma semmilix x'tip ta' safety precations hadu.*

[28] Ara affidavits a fol. 35, 40 u 42.

*Naf li gie ferhan ghaliex ma waqax.'*[29]

A fol. 552 et seq tal-process tixhed ir-rikorrent Maryanne Psaila in kontro-ezami u mistoqsija dwar jekk Matthew Psaila kienx jaf jghum u konfrontata b'dak li kienet xehdet quddiem il-Magistrat Inkwirenti ghall-ewwel tghid li ma tiftakarx li qatt xehdet mbaghad wara li nqratilha d-deposizzjoni taghha tghid kif isegwi:

*'Matthew kien jaf jghum. Il-Qbajjar Ghawdex fond, Ta' Xbiex fond. Kien jghum fihom imma meta jghum johrog jaghmel tant u jidhol. Ma kienx wiehed minn dawk li johrog fl-ilma, jibqa' fl-ilma. Perezempju waqa' go nofs bajja, baqa' go nofs bajja u ma joqghodx. Irid jidhol 'il gewwa u jsib l-art taht saqajh. Bhalma naghmel jien. Jien naf nghum u l-istess bhala naghmel. F'dak is-sens.'*

Fuq mistoqsija allura ghalfejn quddiem il-Maigstrat Inkwerenti xehdet li ma jafx jghum tghid:

*'Jien anke jekk nohrog l-Ghadira, x'hin nohrog hemm barra nett, jien irrid nidhol 'il gewwa. Ma noqghodx hekk naghti b'sieqi fl-ilma fond.'*

Nonostante dan izda mistoqsija jekk Matthew kienx kapaci jghum fl-ilma fond tghid li iva. Tibqa' tinsisti li ma tiftakarx li qalet lill-Magistrat Inkwirenti li Matthew ma kienx jaf jghum.

A fol. 94 tal-process jixhed il-Brigadier Carmel Vassallo (li dak iz-zmien kien il-Kap. Kmandant) fejn jghid li kienet omm Matthew Psaila li qaltlu li ma kienx jaf jghum u dan x'hin kien mar l-isptar wara l-incident:

---

[29] Fol. 616 u 617.

*'qaltli x'ghamlulu x'ghamlulu? Dak ma kien jaf jghum.'*

A fol. 530 tal-process is-**Surpretendent Carmelo Bartolo** jixhed ukoll li omm Matthew Psaila kienet qaltlu li Matthew ma kienx jaf jghum u wkoll qaltlu li l-Forzi Armati kienu nfurmati b'dan ghaliex kien sar ezercizzju qabel gewwa Delimara u kien qalilhom. Dan ix-xhud jikkonferma li tkellem mal-fizzjal li kien ha hsieb l-ezercizzju ta' Delimara u kkonferma mieghu li Matthew Psaila dakinhar f'Delimara kien qalilhom li ma kienx jaf jghum u li kien qed jibza' mill-ezercizzju li izda sar xorta wahda u dakinhar irnexxa. Jirrizulta li dan l-ezercizzju partikolari ma kienx jinvolvi ghawm izda li s-suldat jghaddi minn gholi fuq il-bahar u jispicca biss fil-bahar jekk jaqa'. Dan ix-xhud jghid ukoll:

*' . . Kont iccekjajt ma' ufficjali ta' Hal Luqa jekk lack of knowledge li tkun taf tghum kenitx twassal ghal xi hinderance ta' gunner milli jkun fis-C Company. Biex forsi nifhem jien jekk Matthew kienx heba dan it-taghrif, forsi beda jibza' li imbaghad wara li jissupera kollox ma jnizzlux fis-C Company. Issa qed niftakar li dan l-exercise kien relatat ma' xi haga tas-C Company. Niftakar li kienu qaluli "No. Ma jkollha ebda hindrance."*

L-intimat Christian Vella fil-kontro-ezami tieghu a fol. 602 tal-process jikkonferma li fl-isptar wara l-incident huwa sema' lil omm Matthew Psaila tghid li l-istess Psaila ma kienx jaf jghum. Dan kien fil-presenza tal-Brigadier Carmel Vassallo u tal-intimat Kurunell Ian Ruggier.

Illi din il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn a tempo vergine wara l-incident, jekk skont ir-rikorrenti MaryAnne Psaila binha kien jaf jghum anki fil-fond, allura kellha tmur tghid fl-isptar li ma kienx jaf jghum. F'dak il-hin il-Qorti tqis li zgur ma kienx ser

jghaddi f'mohh ir-rikorrenti li tigdeb. Il-Qorti tqis li f'dak il-mument gewwa l-Isptar Mary Anne Psaila kienet qed tghid il-verita u cioe' li Matthew Psaila ma kienx jaf jghum. Dan ikkonfermatu quddiem il-Magistrat Inkwirenti ftit jiem wara. Konsegwentement jidher li biddlet il-verzjoni u qed tghid li kien jaf jghum imma temfasizza li kien jippreferi joqghod fejn jilhaqlu. Il-fatt li tinzel fl-ilma fejn jilhaqlek ma jfissirx li taf tghum ghax appuntu fejn jilhaqlek tista' timxi.

Il-Qorti tqis li l-verita' hi li Matthew Psaila ma kienx jaf jghum jekk ma jkunx jinsab fejn jilhaqlu. Dakinhar tal-incident sfortunat huwa naqas milli jinforma lis-superjuri tieghu li ma jafx jghum u dan gie kkonfermat minn bosta xhieda li qalu li meta saret il-mostoqsija darbtejn hu ma tkellimx. Jirrizulta wkoll izda mid-diversi xhieda fosthom dik ta' Marvic Peregin (fol. 509) li qabel l-ilma fond ta' taht il-mina fejn sehh l-incident, l-iskwadra kienet gia ghaddiet minn ilma fond iehor fejn gie kkonfermat li s-suldati kollha jidher li ghamlu din il-parti tal-ezercizzju b'success u ma nqalghet l-ebda problema. Hadd izda ma xehed dwar effettivament x'ghamel Matthew Psaila sabiex jirnexxielu jghaddi dik il-parti tal-ezercizzju fejn probabilment il-Qorti tista' biss tissuponi li huwa zamm mal-'log' sabiex jghinu jghaddi dik il-parti fejn kien hemm il-fond. Il-Qorti izda trid tiehu kont ukoll li f'dik l-ewwel parti tal-ezercizzju fejn kien fond ma rrizultax mill-atti li kien hemm il-kurrenti fl-ilma bhala ma rrizulta li kien hemm taht il-mina fejn sehh l-incident.

**(ii) Ir-raguni tal-mewt:**

Illi effettivament jirrizulta li hemm qbil bejn ix-xhieda li f'mument minnhom, x'hin l-iskwadra li kien hemm fiha Matthew Psaila dgiet ordnata tidhol tghum taht il-mina, nqala' paniku bejn il-

membri tal-iskwadra, uhud minnhom sabu ruhhom f'diffikulta` u f'waqt minnhom gie notat li kien hemm persuna nieqsa. Fl-istess hin li kienet qed issir 'head-count' jidher li xi hadd minnhom nduna li kien Matthew Psaila li kien nieqes ghaliex ghajjat 'Psaila, Psaila'. Mill-ewwel nizlu erba' minn nies hdejn xulxin jimxu u jghumu fil-mina ghaliex f'partijiet minnha ma kinitx tlahhqilhom u jirrizulta li kien l-intimat Johann Cachia li hass lil Matthew Psaila fil-qiegh bil-ponot ta' subajgh ta' saqajh u tellghuh mill-ewwel. Mali ttella' nghata l-ewwel ghajnuna kif gia suespost u wara ttiehed l-Isptar. Wara tlett ijiem Matthew Psaila sfortunament miet.

Illi xhieda dwar xi gralu Matthew Psaila effettivament fuq il-post li wassal sabiex huwa jispicca fil-qiegh tal-ilma fl-atti ma hemmx ghaliex jidher li hadd ma rah. Fl-atti izda hemm esebiti ir-rizultat tal-awtopsja u wkoll ir-rapport tal-eseprt mediku forensiku Dr. Mario Scerri mqabbad a tempo vergine mill-Magistrat Inkwirenti li kien ukoll prezenti ghall-awtopsja li saret fuq Matthew Psaila.

A fol. 124 et seq jinsab esebit ir-rapport ta' **Dr. Mario Scerr**i li fil-konkluzjonijiet tieghu jaqra kif isegwi:

*' . . .4. Illi rrizulta li t-temperatura tal-arja fejn gie kondott dan l-ezercizzju kienet ta' bejn 6 u 8 gradi C;*

*5. Illi t-temperatura tal-ilma hekk kif imkejla mill-espert Gera*[30] *kienet ta' 8 gradi C;*

---

[30] Ir-rapport tieghu ukoll jinsab esebit fl-atti a fol. 217, wkoll giet esebita x-xhieda tieghu fl-atti tal-inkjesta a fol. 33 et seq tal-process u xeheda a fol. 343 et seq tal-process.

*6. Illi rrizulta illi l-ilma fejn sehh dan l-ezercizzju kien ukoll mahmug, imnigges u mizghud bil-grieden;*

*7. Illi lill-esponent ma rrizultalux illi s-suldati li kienu fuq training inghataw xi lbies protettiv kontra l-kesha tal-ilma u l-kondizzjoni xejn igenika tal-ilma;*

*8. Illi waqt dan l-ezercizzju rrizulta li qam paniku kbir fost il-membri u anke kien hemm xi ghajjat (Gera), nies li kienu jafu jghumu sabu ruhhom f'diffikultajiet u li ftit wara gie osservat illi* ***Matthew Psaila*** *ma kienx f'wicc l-ilma u li dan ittella' madwar 10 minuti wara li kien submerged taht il-wicc tal-ilma;*

*9. Illi ssejjhet l-ambulanza fuq il-post u peress li nstab illi* ***Psaila*** *ma kellux palpable pulse, beda mmedjatament ir-resuscitation u dan gie trasferit minghajr telf ta' hin l-isptar Mater Dei;*

*10. Illi r-rectal temperature meta dan iddahhal l-isptar Mater Dei kienet 93.4 gradi F;*

*11. Illi rrizulta li meta dan iddahhal l-isptar Mater Dei kompliet ri-resuscitation, wara ftit tal-hin kellu palpable pulse ghal hames minuti izda wara* ***Psaila*** *rega' dahal f'asystole u rega' kien hemm palpable pulse fl-10.45p.m.*[31] *cioe' tlett kwarti wara li dan wasa l-isptar Mater Dei;*

*12. Illi by definition meta persuna jkollha hypothermia dan ifisser illi t-temperatura tal-gisem kienet ta' 35 gradi C (95 F) jew inqas. Meta waslet l-ghajnuna medika mit-tim tal-ambulanza Psaila gie mgezwer fil-kutri u msahhan u dan baqa jigi mizmum shun sakemm u anke sa wara li wassal l-isptar.*

---

[31] Il-Qorti tifhem li hawnhekk hawn zball tal-pinna fejn kellu jigi ndikat 10.45a.m.

*13. Illi rrizulta li meta dan twassal l-isptar ittiehdet ir-rectal temperature ta' **Psaila** li nstabet li kienet ta' 93.4 gradi C. Din kienet it-temperatura tal-gisem **wara** li Psaila nhareg mill-ambjent kiesah tal-ilma u wara li gie msahhan u wara li bdiet ir-resuscitation. Ghalhekk fil-fatt it-temperatura ta' **Psaila** meta dan kien fl-ilma kiesah kienet essenzjalment **anqas** minn dik ta' 93.4 gradi C. U cioe' minn dik it-temperatura li giet irregistrata meta lil **Psaila** kien qieghed isirlu r-resuscitation fid-dipartiment tal-emergenza tal-isptar Mater Dei;*

*14. Illi s-sinjali u s-sintomi ta' hypothermia jinkludu nuqqas ta' funzjoni mentali li twassal ghal nuqqas t'abilita' biex wiehed jiehu certi decizjonijiet, ghajja, letargija, slurred speach, disorjentazzjoni u l-ersuna tagixxi qisha persuna fis-sakra, il-gisem gradatament jitlef il-protective reflexes li jinkludi treghid (shivering) li huwa mekkanizmu mportanti bhala heat generating defence mechanism, funzjonijiet tal-muskoli ohrajn ukoll jisparixxu bir-rizultat illi l-persuna ma tkunx tista' timxi jew tieqaf dritt. Eventwalment il-persuna tintilef minn sensieha;*

*15. Illi meta persuna tkun suggetta ghal dawn it-tibdil fl-ambjent interjuri tal-gisem u titlef dak li huwa maghruf bhala the maintenance of a constant internal environment, kagun ta' temperatura baxxa esterna, il-persuna teghreq fl-ilma;*

*16. Illi drowning hija defined bhala to suffocate by submersion. Dan huwa process kontinwu li jirrizulta fil-mewt tal-persuna jekk ma jsirx intervent immedjat. Il-process tad-drowning jibda' meta l-persuna ma tkunx tista' tibqa iktar afloat u l-wicc ma jkunx jista' jibqa' 'l fuq mill-livell tal-wicc tal-ilma. Ir-ragunijiet ghal dan ivarjaw minn inadequate floatation equipment, ghajja, injury u l-ikatar importanti hypothermia.. Rizultat ta' dan, l-ilma jidhol mill-halq u jkun hemm copious swallowing ta' dan l-ilma u meta l-ilma jkun ilma nfettat u mnigges, il-kondizzjoni taggrava ruhha bl-intorduzzjoni ta' mikkrobi u materjal iehor li ghandu a direct irritiating effect fuq il-pulmun. Il-hegga li wiehed jiehu n-nifs*

*tonqos u f'madwar 20% tal-persuni u specjalment f'dawk li huma iktar b'sahhithom u inqas ghajjenin ikun hemm protective laryngeal spasm li jipprevni l-ilma milli jidhol fil-pulmun. Dan jissejjah dry drowning u jwassal ghall-paralisi respiratorja u l-persuna tintilef minn senseiha rapidament minhabba anoxia fil-mohh (nuqqas t'ossiginazzjoni);*

*17. Illi min-naha l-ohra, f'dawk il-persuni anqas b'sahhithom u aktar ghajjenin, l-pulmun jibqa' jintela' bl-ilma rizultat t'inhalation u ghalhekk ikollna dak li nsejjhulu wet drowning li huwa iktar perikoluz u l-komplikazzjonijiet li jgib mieghu dan it-tip ta' drowning huma dejjem ta' theddia ghall-hajja;*

*18. Illi meta* ***Psaila*** *ddahhal l-isptar Mater Dei ttiehed chest X-ray li wera massive inhalation ta' fluwidu u ghalhekk dan li gie spjegat rigward wet drowning japplika perfettament f'dan il-kaz (Ara l-X – ray Ritratt numru 3);*

*19. Illi l-effetti li ggib maghha l-hypothermia kienu prezenti anke f'uhud mill-membri l-ohra illi hadu parti f'dan l-ezercizzju. Kien hemm paniku, nuqqas ta' kordinazzjoni u ghajjat. Izda fil-kaz ta'* ***Matthew Psaila,*** *l-hypothermia li giet induced meta dan sab ruhu f'ambjent t'ilma f'temperatura baxxa minghajr protezzjoni kontra tali temperatura, waslitu ghall-inkordinazzjoni, nuqqas ta' hsieb u nuqqas ta' muscle power li wasslu ghas-submerging tal-persuna;*

*20.. Illi minghajr dubju l-esponent, wara li ezamina u studja bir-reqqa l-istorja medika u wara li huwa stess osserva t-tip ta' trattament li rceva* ***Psaila*** *meta dan kien l-isptar Mater Dei jiccertifika u jikkonfemra illi da parti tat-tim mediku tal-ipstar Mater Dei, it-trattament li nghata lil* ***Psaila*** *kien wiehed eccellenti u ma jirrizultalux li kien hemm evidenza ta' negligenza ta' traskuragni jew ta' mismanagement;*

*21. Illi apparti minn dan irrizulta wkoll li* ***Psaila*** *ma kienx ghawwiem tajjeb u li meta l-grupp gie mistoqsi jekk kulhadd kienx jaf jghum, wiehed gholla idejh u* ***Psaila*** *ma gholliex idejh, izda l-esponent ghandu jinnota wkoll li min gholla idejh biex jindika li ma kienx kapaci jghum irceva l-istess trattament bhal dak li kien jaf jghum u dan ukoll gie ordnat biex jipprocedi bl-ezercizzju li kien ippjanat. Apparti minn dan kollu din id-domanda ma kellhiex issir qabel l-ezercizzju izda qabel l-ingaggament tal-membri f'din l-iskwadra li tirrikejdi li l-membri taghha jkunu jagu jghumu. Min ma jafx jghum kellu inghata hwejjeg protettiv (life jackets jew apparat protettiv iehor);*

*22. Illi* ***Psaila*** *ma nizilx fl-ilma biex jaghmel dan l-ezercizzju fil- u taht dawk il-kondizzjonijiet imsemmija ghax ried hu izda ghax obda dak li gie ordnat lilu mill-awtoritajiet militari li l-ewwel u qabel kollox kellhom obbligu li jassiguraw il-health and safety parameters tas-suldati li kienu taht il-kmand taghhom;*

*23. Illi l-esponent bhala tabib forensiku mhux ser jidhol fil-kwistjonijiet tal-operat tal-militar. Dan ghandu jithalla fl-idejn kompetenti u kapaci tal-espert l-ohra f'dan il-qasam u mahtura minn Din il-Qorti izda certament li bhala tabib bil-qawwa kollha, ghandu jindika lil din l-Onorabbli Qorti illi persuni ordnati li jkunu esposti f'temperatura baxxa t'ilma bhal dik li kienet f'dik il-gurnata minghajr ilbies protettiv jikkostitwixxi theddida serja ghas-sahha tal-bniedem;*

*24. Illi in vista ta' dan kollu huwa car illi dan l-ezercizzju hekk kif ordnat mill-awtoritajiet militati Maltin serva biexx biex ipoggi l-hajja tad-29 persuna f'periklu car, liema periklu wassal ghall-mewt tal-ismemmi* ***Matthew Psaila*** *u ghalhekk dan ma kienx kaz ta' mewt naturali, accidenti jew suwicidali izda kaz t'omicidju nvolontarju da parti tal-awtoritajiet militari Maltin.'*

Rat ukoll ic-certifikat tal-mewt u l-atti tal-awtopsja imwettqa fuq **Matthew Psaila** a fol. 618 et seq tal-process. F'dawn gie ndikat li r-raguni tal-mewt tal-istess Psaila kienet kif isegwi:

*'The death of this young male is certified as being due to multiple organ failure and massive pulomonary oedema secondary to drowning.'*

Rat ukoll li fl-ezami 'post mortem' l-esperti ma dahlux f'investigazzjoni ta' x'seta' sehh sabiex Matthew Psaila wasal fil-kundizzjoni li kien fiha gewwa l-Isptar Mater Dei izda biss ezaminaw fattwalment dak li sabu fil-katavru tieghu fil-mument tal-ezami. Il-Qorti qed tindika dan ghar-raguni li fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom l-intimati jsostnu li l-esperti ma jaqblux bejniethom dwar ir-raguni tal-mewt. Jirrizulta lill-Qorti li dan assolutament mhux minnu. Fil-fatt il-Qorti rat li filwaqt li fir-rapport tieghu l-espert Mediku Forensiku dahal f'investigazzjoni u analizi tal-fatti tal-kaz u ghalhekk seta' jasal ghall-konkluzjoni li dak li wassal ghal mewt ta' Matthew Psaila kienet primarjament il-kundizzjoni tal-*hypothermia* li hakmitu waqt l-ezercizzju li wasslitu sabiex jeghreq, l-esperti medici li ghamlu l-awtopsja ma dahlux f'din l-investigazzjoni izda raw biss dak li sabu fil-gisem tal-mejjet appuntu li miet konsegwenza li ghereq u l-konsegwenti 'organ failure'. Effettivament iz-zewg konkluzjonijiet jaqblu li Matthew Psaila miet konsegwenza li ghereq. Izda l-espert Mario Scerri spjega abbilment u rrelata x'wassal sabiex l-istess Psaila ghereq filwaqt li ma kienx l-inkarigu tal-espert medici li wettqu l-awtopsja li jaghmlu dan.

**(iii) Konkluzjonijiet ohra tal-esperti nominati:**

Rat ukoll ix-xhieda u r-relazzjoni (fol. 217) tal-espert tekniku **John Gera** nominat mill-Magistrat Inkwirenti sabiex jirrelata dwar kejl

u fond tal-ilma, fejn sehh l-incident u dwar in-nuqqas o meno tal-mizuri ta' sigurta' mehud mill-Forzi Armati ta' Malta f'dan l-ezercizzju kif isegwi:

*'21. Fuq aspett individwali, jidher car li l-Group Leader f'dan l-ezercizzju ma' kienx jaf, jew ossija ma kellux informazzjoni dwar il-kapacitajiet o meno tas-suldati taht il-kontroll tieghu tant hu hekk li hass il-htiega li kellu jistaqsi jekk kienx hemm min ma jafx jghum. L-istess Group Leader were nuqqas ta' safety concern meta minkejja li kien jaf li kellu suldat li ma kienx jaf jghum xorta wahda nizzlu fl-ilma minghajr ma pprovdielu life-jacket.*

*22. Fuq aspett militari kollettiv, hu evidenti li l-anqas l-Armata, tramite l-fizzjali taghha, ma hadet hsieb li tara li waqt l-ezercizzju ta' dan it-tip tkun mharsa s-sigurta' tal-membri taghha. Dan jirrizulta mill-fatt li l-gupp kellu erba' life rings u habel gewwa vettura fuq il-pont barra mill-vista ta' fejn kienu s-suldati.*

*23. Il-life guard/safety officer, ma kienx liebes hwejjeg addattati ghal xi sejha ta' salvatagg.*

*Dan li gej huma xi nuqqasijiet li gew innutati li fil-fehma tieghi setghu jigu mharsa:*

- *Min kien inkarigat min dan it-tahrig kellu jkun jaf x'kwalitajiet kellhom is-suldati jigifieri jekk kienux kapaci jinzlu gol-ilma fejn ma kienx jilhqilhom.*
- *Kif is-suldati kienu ser jirrejagixxu ghal temperaturi tal-ilma.*
- *Illi l-persuna li kien qed jassumi r-risponsabilita ta' 'safety' jew ta' 'life guard' kellu jkun gewwa l-ilma liebes hwejjeg li jilnsu l-ghaddasa (Scuba Divers) sabiex ikun jista jirrezisti temperaturi keshin tal-ilma kif ukoll biex jassisti lill persuna jew persuni li*

*jsibu ruhom f'diffikulta, daqs tant iehor it-team leader kellu ukoll ikun liebes hwejjeg protettivi / jew xi tip ta' life jacket.*

- *Il-habel kellu wkoll ikun ippreparat f'idejn il-'grupp leader' jew il-'life guard' fl-ilma.*
- *Dawk il-persuni li ma kienxu jafu jghumu kellhom jigu provduti 'life jackets' jew xi tip iehor ta' 'floating aid'.*
- *Il-log tal-injam li s-suldati kienu qeghdin juzaw ma setax jigi meqjus bhala buoyance aid peress li dan mhuwiex rikonoxxut bhala 'safety equipment'.*
- *Il-fatt li s-suldati f'dan l-ezercizzju kienu qeghdin fl-ilma helu libsin hwejjeg militari (BDUC's) u 'high ankle boots' seta johloq diffikulta habba toqol gol ilma, kif irrizulta mill-investigazzjonijiet li izjed min persuna wahda sabet ruha f'diffikulta anke sahansitra dak li kienu jafu jghumu.*
- *Juri bic-car li 'team leader' wiehed ma ghaxar min-nies li ghamillu dan it-tahrig ghall-ewwel darba ma kienx 'ratio' addattat. (1 is to 10)*

*Ghalkemm nifhem li tahrig ta' dan it-tip ghandu jkun parti mill-istandard li ghandu jikseb kull suldat pero' b'differenza, li kwalunkwe tahrig li ghandu element ta' xi periklu zghir jew kbir ghandu l-ewwel jigi mfassal u provat go control enivronment (sandy beaches) biex jhares is-sahha u s-sigurta tas-suldat.'*

Rat ukoll ir-ritratti tal-post fejn sehh l-incident annessi mal-istess rapport apparti ritratti ohra u pjanti esebiti fl-atti.

Rat ir-relazzjoni tal-espert tekniku dak iz-zmien il-Perit Robert Musumeci a fol. 240 et seq min fejn jirrizultaw dettalji ta' kif u fejn kellu jsir l-ezercizzju, il-posti tal-persuni inkarigati, t-tragitt tal-iskwadri u d-dettalji tal-mini fejn sehh l-incident. Partikolarment gie kkonfermat li l-mini in kwistjoni huma wisghin bejn 4 u 4.5

metri u li fl-aktar partijiet fondi taghhom dawn kellhom gholi ta' 2.1 metri u cioe' ferm aktar minn tul ta' persuna normali.

Irrizulta wkoll minn din ir-relazzjoni u minn dik ta' John Gera li t-temperatura tal-ilma dakinhar tal-incident fil-hin ta' madwar il-hamsa ta' wara nofinshar kienet ta' 8 gradi C.

A fol. 115 et seq tal-process gie esebit ir-rapport tal-Espert Tekniku l-**Brigadier Maurice Calleja** nominat mill-Maigstrat Inkwirenti sabiex jirrelata dwar l-incident u jindaga kienx hemm xi nuqqasijiet da parti tal-Armata in vista wkoll tal-esperjenza twila tieghu fl-armata.

Rat il-konkluzjonijiet ta' dan ir-rapport a fol. 120 et seq tal-process kif isegwi:

***'L-espert sottoskritt huwa konxju tal-fatt li s-servizz militari jirrikjedi certu addestrament li kull tant huwa iebes u difficli. Kulltant ukoll certu addestrament jista ikun ta' natura perikoluza u xorta wahda dan l-addestrament irid isir sabiex jekk tinqala l-bzonn reali, il-membri tal-forzi Armati ta' Malta, jew ghall-inqas dawk maghazula ghall-dan it-tip ta' xoghol (Special Forces) dawn ikun ppreparati biex iwettqu dak li jkun hemm bzonn isir u dak li jkunu ppreparaw ghalieh. Izda l-espert jghid, li sabiex jitnaqqsu l-perikli, ikun hemm bzonn li jittiehdu l-mizuri kollha methiega ta' sigurta kemm qabel l-addestrament, waqt l-addestrament kif ukoll waqt il-bzonnijiet reali.***

*Qabel l-addestrament jibda ghandhom isiru il-preparazzjonijiet kollha minn dawk li huma responsabbli ghat-tmexxija tieghu.*

*Biex naghti ezempju l-addestrament ghandu jsir gradwalment sa kemm is-suldat ikun lehaq il-livell mehtieg. Ghandu jkun hemm ordnijiet bil-*

*miktub cari li jispjegaw dak kollu li jrid isir. Ghandu jkun hemm briefing car u dettaljat ghall dawk kollha nvoluti fl-ezercizzju jekk hemm bzonn granet qabel u jekk hemm bzonn anke go Lecture Room.* ***Irid ikun hemm ordnijiet cari li jirrigwardaw il-mizuri li ghandhom jittiehdu f'kaz ta' emergenza u li dawn il-proceduri ikunu maghrufa minn kull partecipant.*** *L-aktar mizura importanti hija li qabel ma jsir l-ezercizzju ghandu jsir reconnaissance serju tal-post fejn ser isir sabiex min ikun ser imexxi dan l-ezercizzju ikun jaf ezattament dwar dak kollu li jista jinqala, fejn u meta u lid an jaghddi din l-informazzjoni lil min ikun involut, partikularment lil dawk responsabbli ghas-sigurta ta' dawk ta' tahthom.*

***12. F'dan il-kaz Fejn Gnr Matthew Psaila tilef hajtu kien hemm nuqqasijiet li setghu gew evitati. Fl-opinjoni tal-espert sotto skritt dawn kienu:-***

*a. Reconnaisance tajjeb (l-aktar haga imporanti) ma sarx u l-ebda instructor u lanqas Lieut Chris Vella ma kejjel il-fond ta' l-ilma qabel ma beda l-ezercizzju. Hadd ma mexa taht it-tunnel bl-equipment jew minghajru sabiex jistabbbilixxi il-kondizzjonijiet u d-diffikultajiet.*

*b. Nies kwalifikati biex jassistu seta kien hemm aktar. Per ezempju ma' kull Section seta kien hemm instructor quddiem u iehor wara.*

*c. Il-misuri ta' sigurta ma kienux adekwati fis-sens li mezzi ta' salvatagg tajbin u moderni ma kienx hemm u l-ftit li kien hemm ma kienux taht is-sorveljanza tal-instructor. Fil-fatt fl-ebda mument ta' bzonn ma kienu uzati.*

*d. Il-mezzi ta' salvatagg kiebu biss erba life rings u habel li keinu go vettura fit-triq fuq il-pont. Min din il-puzizzjoni Gnr John Cachia li kien responsabbli biex jutilizza dawn il-mezzi ta' sigurta ma setghax jara x'kien qed isir got-tunnel u ghall-daqs tant ma ha l-ebda passi immedjati*

*ta' slavatagg meta inqala l-paniku. Skond ix-xhieda* ***Life Jackets ma hemmx fis-C Company.***

*e. Barra li lill-partecipanti kienu qalulhom li kellhom izommu mal-**LOG** fl-ilma, ma kienx hemm l-ebda ordni sabiex tinzamm sorveljanza bejn dawk tal-kors li kienu qed jippartecipaw u dan ikkonfermat mill-fatt li hadd ma ta' kaz ta' Gunner Matthew Psaila u meta gie nnotat li dan kien nieqes kien tard wisq ghaliex kien ghadda zmien twil. Gnr Wayne Bonello kien innota li Gunner Matthew Psaila ma kienx deher aktar imma haseb li forsi seta kien tela fuq l-art u ma avza l-hadd. Il-kondizzjonijiet kienu harxa hafna fis-sens li t-temperatura kienet baxxa hafna, il-ilma kien kiesah u mahmug, is-sudati kellhom toqol ta' equipment u forsi dan ma kienx mehud in konsiderazzjoni.* ***Pont iehor li irid jaghmel l-espert huwa li minghajr ma wiehed jimxi huwa stess min taht it-tunnel u jghum, l-apparenza tal-ilma tista tingannak ghax ma tidherx daqshekk perikoluza.***

*13. Mix-xhieda ppresentat jidher car li Gunner Matthew Psaila, meta gie mistoqsi, ma qal lil hadd li ma kienx jaf jghum jekk dan fil-fatt veru ma kienx jaf. Kieku ghavza lis-Section Commander tieghu forsi l-incident seta kien gie evitat. Finalment l-espert sottoskritt nnota li l-azzjoni li ttiehdet kemm meta kien hemm bzonn ta' treatment ghas-sintomi ta' Hypothermia kif ukoll meta kine hemm bzonn ta' ambulanza, kienet wahda immedjata, efficenti u professjonali.'*

**(iv) Proceduri ta' 'Health and Safety' fi hdan l-Armata fi zmien l-incident:**

Illi mir-relazzjoni suesposta tal-espert Brigadier Maurice Calleja johrog li huwa rriskontra diversi nuqqasijiet ghal dak li huma proceduri ta' sahha u sigurta' fuq il-post dakinhar tal-incident fosthom:

a) in-nuqqas ta' rikonjizzjoni tajba tal-post stante li rrizulta li ma tkejjilx il-fond tal-ilma gewwa l-mina u li hadd ma mexa fil-mina stess bl-ekwipaggament neccessarju sabiex janalizza l-perikli li dan kien jinvolvi mieghu;

b) In-numru zghir ta' nies kwalifikati ma' kull skwadra;

c) Ma kienx hemm mezzi ta' salvatagg tajbin u moderni u li dak li kien hemm ma kienux a disposizzjoni tas-'supervisor' inkarigat mill-iskwadra ghaliex kienu fuq il-mina gewwa l-landrover;

d) In-numru zghir ta' life rings u habel intizi bhala mezzi ta' salvatagg;

e) In-nuqqas ta' ordni sabiex is-suldati stess jissorveljaw lil shabhom u vice versa b'dana li hadd ma nnota n-nuqqas ta' Matthew Psaila;

Il-Qorti mill-atti u mill-evidenza esebita taqbel ma' dak kollu suespost bhala nuqqasijiet ghal dak li huma mizuri ta' sahha u sigurta'.

Il-Qorti izda zzid dan li jsegwi:

a) Irrizulta li r-rikonjizzjoni kienet issir biss b'mod verbali u viziv mill-persuna nkarigata mill-esercizzju f'dan il-kaz il-Kurunell intimat Christian Vella li ha mieghu lil Marvic Peregin. Ma kienx hemm ordnijiet da parti tal-armata li din issir bil-miktub u ma jirrizulta li kien hemm indikati bil-miktub xi proceduri, regoli jew punti li wiehed kellu jimxi maghhom sabiex ikun cert li r-rikonjizzjoni tkun saret sew. Ezempju car huwa n-nuqqas ta'

apparat sabiex titkejjel it-temperatura tal-ilma u l-gholi tal-ilma fl-aktar punti kritici. Ukoll il-fatt li dawn jaraw b'ghajnejhom jekk hemmx kurrent zgur li mhux bizzejjed specjalment meta wiehed jikkunsidra l-ilma li kien ghaddej konsegwenza tal-maltemp u x-xita u wkoll tal-fatt li parti mir-rikonjizzjoni ma kinitx tinkludi li jidhlu effettivament fil-mina u jiccekkjaw l-ilmijiet ta' go fiha u l-kundizzjonijiet l-ohra fl-istess mina.

Il-Qorti rat ukoll mill-atti li wara l-incident ghalkemm gie kkonfermat li dan l-ezercizzju qatt ma rega' sar, l-Armata harget ordni sabiex meta jkun ser isir ezercizzju ir-rikonjizzjoni trid issir bil-miktub;

b) Irrizulta fil-fatt li ma kien hemm l-ebda Standard Operating Procedures bil-miktub dwar kif u x'kellu jsir f'dawn l-ezercizzji. Jirrizulta wkoll li wara l-incident l-Armata bdiet taghmel dawn il-proceduri bil-miktub;

c) La darba kien ovvju li bil-Land Rover misjuqa mill-intimat Gunner Johann Cachia l-apparat ta' salvatagg ma setax ikun vicin kull parti fejn kien qed isehh l-ezercizzju, ezempju appuntu taht il-mina meta l-Land Rover kienet fuqha allura wiehed ma setax jara x'qed jigri taht, kellhom jittiehdu mezzi ohra ta' prekawzjoni vicin il-mina. Bhala ezempju kellu jkun hemm persuni appoziti ntizi biss ghal dak il-hin tal-ezercizzju hdejn jew gewwa l-mina, jekk hemm bzonn b'apparat apposta bhal *divers* sabiex jassiguraw attenzjoni immedjata ghal dak li jista' jinqala.

d) Irrizulta wkoll li l-ekwipaggament kollu li kien hemm fuq is-sit kien dak kollu res disponibbli mill-Armata tant li diversi xhieda kkonfermaw li ttiehed l-apparat kollu li kien hemm fl-istore. Ghalhekk dan zgur mhux kaz li l-persuni responsabbli mill-

ezercizzju bhall-intimati Christian Vella u Johann Cachia ma hadux xi ekwipaggament li kien disponibbli ghalihom.

e) Il-Qorti ma tistax ukoll tinjora x-xhieda tal-intimat Logotenent Mario Borg a fol. 207 et seq tal-process minn fejn jirrizulta li ghalkemm huwa fiz-zmien qabel l-incident kien inghata r-responsabbilta tal-*health and safety*, din il-kwistjoni kienet tinghata l-genb mis-superjuri tieghu meta dan kien jaghmel proposti sabiex is-sitwazzjoni fi hdan l-Armata tissahhah ghal dak li hu sahha u sigurta`. Fil-fatt johrog mix-xhieda tieghu li ghalkemm hu hass li dak li kien qed jaghmel hu, fil-limitazzjonijiet u l-poteri tieghu ma kienx bizzejjed ghas-salvagwardja tas-sahha u s-sigurta` tas-suldati fi hdan l-Armata, meta huwa ressaq proposti lill-Kap Kmandat hu gie nfurmat li 'ma kinitx prijorita'[32]. Fil-fatt jikkonferma li sezzjoni gdida ta' 'Health and Safety' infethet aktar minn sena wara l-incident u cioe' f'Dicembru, 2010. Zgur li ghar-reticenza da parti tal-Armata ma jistax jirrispondi personalment l-intimat Mario Borg li jirrizulta li ghamel dak kollu seta' fil-limitazzjoni tal-mezzi produti lilu mill-Armata.

e) Rat ukoll ix-xiehda tal-Kurunell Martin Bondin a fol. 196 B et seq tal-process minn fejn hareg li sa dakinhar tal-incident il-kuncett ta' 'health and safety' ghall-armata kienet ghadha xi haga innovativa. Jikkonferma wkoll li l-*AFM Health and safety officer* kien gie appuntat wara l-incident.

**Kunsiderazzjonijiet ulterjuri:**

Illi fil-mertu l-Qorti minn analizi profonda u dettaljata, kelma b'kelma tal-atti tal-kaz odjern, tqis li ghalkemm hareg car li sabiex wiehed jirnexxi f'dan il-kors bilfors kellu jsir xi tip ta' ezercizzju

---

[32] Ara fol. 208.

bhal dak koncernat, dan ma kienx bilfors jgib mieghu li s-suldat li ghadu kif lesta r-reklutagg u ghazel li jmur fic-C Company jigi ordnat jaghmel dan it-tip ta' ezercizzju minghajr ma qabel jigi trenjat jaghmel xi haga simili izda f'kundizzjonijiet anqas iebsin. Xejn ma kien izomm l-Armata li tibda dan it-tip ta' ezercizzju f'ilmijiet baxxi, forsi mhux daqshekk keshin, l-ewwel minghajr apparat u mbaghad tibda zzid ftit ftit fid-diffikulta` tal-ezercizzju sakemm appuntu s-suldat jasal ghall-ezercizzju gewwa c-Chadwick Lakes. Il-Qorti tfakkar li s-suldati dakinhar kienu rikjest jaghmlu dan l-ezercizzju lebsin hwejjeg tal-militar, helmet, zarbun tqil, webbing tqil u rifle. F'dan l-istadju ssir referenza ghax-xhieda tal-Brigadier Vassallo a fol. 136 A et seq fejn jixhed li l-kors kien ilu li beda xahar allura skont hu dawn kienu *physically fit*. Pero' rrizulta mill-atti li qabel dan l-ezercizzju s-suldati li jkunu qed jiehdu sehem fih ma jkunu ghamlu ebda ezercizzju iehor fl-ilma b'dan li l-kapacita' taghhom fl-ilma zgur li sa dakinhar ma kinitx ben nota lill-Armata.

Il-Qorti tqis ukoll li l-fatt li dan l-ezercizzju seta' sar diversi drabi qabel minn suldati ohra, minghajr incidenti fatali, ma jfissirx li kien ezercizzju tajjeb minghajr ebda perikli. Il-fatt li dakinhar tal-incident sabu ruhhom f'diffikulta mill-anqas erba' suldati ohra (eskluz Psaila) minn skwadra ta' ghaxra jevidenzja kemm dan l-ezercizzju kien wiehed perikoluz u evidentement l-Armata ma kinitx irrealizzat dan meta kien kompitu taghha li taghmel 'assessment' tal-ezercizzju u tkun taf bil-perikli li jinvolvi.

Illi l-Qorti tqis ukoll partikolarment mix-xiehda in kontro-ezami tal-intimat Christian Vella quddiem il-Qorti tal-Magistrati[33] li l-impjegati tal-Armata ntizi sabiex imexxu l-ezercizzju in kwistjoni ma kienux debitament mghallma u ma kinitx ingidbet lilhom l-

[33] Ara fol. 622 et seq tal-proess.

attenzjoni ghall-perikli kollha u effettivi ta' dan l-ezercizzju partikolarment meta dan isir f'kundizzjonijiet tat-temp imwieghra li kien hemm fil-gurnata partikolari. Ezempju car hija dwar il-periklu tal-effetti tal-'hypothermia' rizultat tal-kesha fis-suldati. Mix-xiehda ta' Christian Vella jirrizulta li dawn kienu trenjati sabiex jekk jaraw l-effetti tal-'hypothermia' jsahhnu bl-'isleeping bags'. Mistoqsi diversi drabi izda jekk kellhomx struzzjonijiet dwar kif setghu jipprevjenu li din issehh *ab inizio* ma kienx jaf iwiegeb. Ukoll il-Qorti tqis li hareg car li dawk inkarigati mill-ezercizzju ma kienux konxji bizzejjed tal-perikli gravi tal-'hypothermia' li jwasslu wkoll ghall-mewt kif fil-fatt gara[34]. Li kieku kienu mghallma u jafu bil-periklu estrem tal-mewt, din il-Qorti tinsab certa li ma kienux jiehdu d-decizjoni daqshekk *alla leggera* li jdahhlu lis-suldati b'dak it-toqol kollu fuqhom jaghmlu l-ezercizzju, f'kesha ingazzata kemm fl-arja kif ukoll fl-ilma li ghall-Gzejjer Maltin kienet l-eccezzjoni u mhux in-normalita' anki fix-xhur tax-Xitwa.

Illi l-Qorti tinnota li l-intimati fuq il-post u cioe' Christian Vella u Johann Cachia, la darba kienu ordnati jaghmlu l-ezercizzju minn ta' fuqhom u kif kienu mghallma, ma kellhomx wisq alternattiva ghajr li jaghmluh. Ghalhekk il-Qorti tqis li ma ghandhomx jinghataw ir-responsabbilta' personali ghall-incident. Irrizulta lill-Qorti li dan l-ezercizzju kellhom jaghmluh bil-mezzi provduti lilhom, nkluz l-apparat ta' sahha u sigurta' provdut lilhom, minghajr informazzjoni bil-miktub personali dwar kull suldat u b'ammont ta' sitt 'supervisors' kif provduti. Dan l-argument japplika wkoll ghall-intimat l-iehor Kurunell Ian Ruggier li ghalkemm jirrizulta li kien il-persuna inkarigat fuq Christian Vella xorta wahda dan kien qed jimxi mal-proceduri mghallma lilu.

[34] Ara l-konkluzjonijiet fir-Rapport tal-Espert Forensiku t-Tabib Mario Scerri (fol. 214 et seq).

Dan izda xejn ma jghin ghan-nuqqasijiet evidenti li rrizultaw da parti tal-Armata kif isegwi:

a) Li kienet tittrenja lis-Superjuri taghha, fosthom l-intimati prezenti ghall-ezercizzju, sabiex jaghmlu l-ezercizzju fi kwalunkwe kaz anki jekk suldat jinfurmahom li ma jafx jghum minghajr ma' dan jinghata ebda apparat sabiex tigi assikurata l-inkolumita' tieghu fl-ilmijiet.

L-intimat **Johann Cachia** jixhed fil-fatt a fol. 158 li:

*' . . . gurnata qabel staqsejt lil Lt Christian Vella rigward jekk hemmx xi nies li ma jafux jghumu jaghmlux l-ezercizzju xorta, qalli iva jaghmluh xorta u f'kaz li jsibu diffikulta, izommu mal-log.'*

b) Li ma kinitx tipprovdi mezzi adegwati sabiex jitharsu s-sahha u s-sigurta` tas-suldati kull hin tal-ezercizzju. Il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-esperti li ghalkemm il-'log' tista' titqies bhala 'floating aid' zgur mhijiex idonea biex thares il-hajja u s-sigurta ta' ghaxar persuni f'daqqa u partikolarment bid-diffikultajiet li kellhom biex jghumu fil-kundizzjonijiet li tpoggew fihom mill-Armata. Tant hu hekk li sabiex jigi mghejjun Gunner Galea meta sab diffikulta l-'log' intalbet li tintefa lura minn Marvic Peregin b'dana li allura ta' quddiem spiccaw minghajr din il-'log' bhala support;

c) Li kienet tghallem li dan l-ezercizzju kellu jsir mill-ewwel b'dak it-toqol kollu ta' apparat fuq is-suldat allavolja ghadu jibda, almenu ghal dak li hu tahrig fl-ilmijiet. Il-Qorti rat mix-xiehda tad-diversi suldati li sabu ruhhom f'diffikultajiet kbar kemm kien difficli ghal dawn is-suldati li gew pretizi li jghumu f'ilma helu, lebsin zarbun tqil u helmet, b'rifle ma daharhom u l-webbing li

kien kemm kien tqil meta jixxarrab dan jigi tqil ferm aktar. Dan minghajr ma wiehed izid l-ilma kiesah, il-hama, il-grieden, il-kurrenti taht il-mina u l-ilma fond.

d) Li kienet tordna li jsir dan l-ezercizzju minghajr ebda proceduri standard bil-miktub applikabbli ghall-istess;

e) Li ma kinitx tirrikjedi li suldat jiddikjara fi stadju ta' reklutagg jekk jafx jghum jew le. Fil-fatt irrizulta li dan ir-rekwizit iddahhal wara l-incident tant li mar-reklutagg llum il-gurnata r-rekluti jinghataw kors professjonali tal-ghawm. Irrizulta wkoll li ghalkemm f'ezercizzju precedenti Matthew Psaila kien iddikjara mal-fizzjal li ma kienx jaf jghum, din l-informazzjoni ma ttehditx nota taghha mill-Armata daqs li kieku qatt ma nghatat u ghalhekk ma kinitx a konjizzjoni tal-'supervisors' ghassa mill-ezercizzju fic-Chadwick Lakes.

f) Li kienet tipprovdi sistema ta' 'supervisor' wiehed ma' kull grupp ta' ghaxar suldati b'rizultat li meta kien hemm diversi li sabu ruhhom fi problema biex izommu fl-ilma l-uniku 'supervisor' li kien maghhom evidentement ma lahhaqx ma dawk kollha fi problema tant li ma ndunax bid-diffikultajiet li sab ruhu fihom Matthew Psaila anzi qas biss rah. Jigi rilevat li anki dwar dan il-punt irrizulta mix-xhieda tal-Brigadier Carmel Vassallo li wara l-incident l-istess Armata, tramite l-inkjesta li saret minnha giet rakkomandata sabiex tibda tibghat zewg 'supervisors' ma kull grupp ta' ghaxra u mhux wiehed.[35]

Il-Qorti tqis ukoll li dawn in-nuqqasijiet da parti tal-Armata lanqas jistghu jigu mputati lill-intimat l-iehor il-Logotenent Kurunell Mario Borg li ghalkemm rrizulta li dak iz-zmien kien l-ufficcjali

[35] Ara fol. 136 A et sew.

inkarigat mill-'Health and Safety' hareg car li f'dak iz-zmien hu kellu wkoll kariga ohra li jiehu hsieb it-tielet rigment ghalhekk ma kienx biss iffukat fuq il-'Health and Safety' u wkoll ghaliex l-Armata dak iz-zmien ma kinitx tipprovdilu l-mezzi neccessarji sabiex tigi ameljorata s-sitwazzjoni f'dik li kienet sahha u sigurta gewwa l-Armata. Temfasizza li inghad fix-xhieda li ghall-Armata dak iz-zmien ma kienx 'priorita'. Mill-atti hareg car li kien biss wara l-incident koncernat f'dan il-kaz li s-sahha u s-sigurta` fl-Armata inghatat ferm aktar attenzjoni.

**Konsiderazzjonijiet ulterjuri dwar il-proceduri kriminali:**

Il-Qorti f'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghad-decizjonijiet tal-Magistrat Audrey Demicoli fl-atti minn fejn jirrizulta li l-intimat Christian Vella u wkoll Marvic Peregin gew liberati, fil-kamp kriminali, mir-responsabilita' tal-incident. Il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tar-rikorrenti li l-grad ta' prova fil-proceduri Kriminali u Civili huwa differenti fis-sens li fil-kamp Civili l-grad tal-prova huwa anqas u huwa ghalhekk li ma ghamiltx referenza ghal dawn id-decizjonijiet qabel ma waslet ghall-konkluzjonijiet suesposti dwar in-nuqqas ta' responsabilita' da parti ta' Christian Vella. Pero' l-Qorti tqis ukoll li huwa rilevanti li wiehed jikkonstata li fil-konkluzjonijiet taghha l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ddikjarat kif isegwi:

'Il-Qorti izda ma tistghax tatribwixxi n-nuqqasijiet tal-Armata liz-zewg imputati li ghandha quddiemha meta ma jirrizultalhiex li kien hemm ebda forma ta' agir kolpuz da parti taghhom specjalment meta wiehed jikkunsidra b'mod holistiku l-isfond li fih sar dan l-ezercizzju, l-iskop tieghu u l-fatt li dan l-ezercizzju sar mill-imputat u Peregin skon struzzjonijiet li nghataw mis-superjuri u bil-mod li bih gew mghallma u mharrga huwa tul is-

snin. Il-Qorti jidrilha li huma m'ghandhomx u ma jistaghu jitqiesu kirminalment responsabbli ghall-omicidju kolpuz minhabba **nuqqasijiet tal-Armata li tistabbilixxi Standard Operation Procedures u guidelines ad hoc dwar il-mod u metodi ta' tahrig jew dwar safety procedurs u provision ta' safety equipment fi kwanitajiet u ahjar. Huwa fundamentali li wiehed jifhem li l-imputat u Peregin ma kienux l-exercise planners izda kienu biss il-persuni nkarigati mis-superjuri taghhom li kienu huma li pjanaw l-ezercizzju tul is-snin sabiex jaraw li dan l-ezercizzju militar jigi esegwit bil-mod pjanat.'** (emfasi ta' din il-Qorti)

Il-Qorti qed taghmel referenza f'dan l-istadju ghal din il-parti tad-decizjoni ghaliex appuntu ssahhah il-konkluzjonijiet li waslet ghalihom ukoll il-Qorti odjerna. Jigi wkoll rilevat li fi proceduri fejn il-grad ta' prova huwa ghola minn dawk odjerni, dik il-Qorti wkoll sabet nuqqasijiet fl-agir tal-Armata.

**Kunsiderazzjonijiet ulterjuri dwar ir-responsabbilita':**

Illi huwa principju stabbilit kemm fil-gurisprudenza kif ukoll fil-ligi li datur tax-xoghol ghandu l-obbligu li jipprovdi ambjent sigur tax-xoghol lill-haddiema tieghu. Izda wkoll il-gurisprudenza temfasizza li l-grad gholi ta' responsabbilta' mpost fuq min ihaddem, ma jehlisx lill-istess haddiem mill-obbligu tieghu li hu stess ihares is-sahha u s-sigurta' tieghu innifsu u ta' dawk ta' madwaru:

*'22. Tajjeb tigi enfasizzata r-regola generali f'dan il-qasam li, min ihaddem irid jipprovdi a safe system of work. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta' Marzu, 2009, fil-kawza fl-ismijiet George Cardona et v. Ferdinando sive Randu Zammit et). Hemm grad gholi ta' responsabbiltà fuq min ihaddem, tant li da parti tieghu ghandu*

*jipprova li l-incident ikun sehh minkejja li jkun hares dak kollu li l-ligi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Fil-verità, fil-qasam tas-sahha u s-sigurtà fuq il-post tax-xoghol, tapplika wkoll ligi specjali li tirregola d-dmirijiet u l-obbligi kemm ta' min ihaddem, kif ukoll tal-haddiem (Att dwar l-Awtorità ghas-Sahha u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xoghol – Kap. 424). Fost id-dmirijiet li l-ligi titfa' fuq min ihaddem insibu l-piz li jiehu l-mizuri xierqa sabiex jigu identifikati u evalwati r-riskji, kif ukoll li jittiehdu l-mizuri mehtiega li jitnaqqsu dawk ir-riskji (Artikolu 6 (2) tal-Kap. 424), kif ukoll id-dmir tal-ghoti tat-taghrif, taghlim u tahrig mehtieg, kif ukoll supervizjoni sabiex tithares is-sahha u s-sigurtà tal-haddiem (Artikolu 6 (3) tal-Kap. 424).*

*23. Min-naha l-ohra, il-grad gholi ta' responsabbiltà ta' min ihaddem, ma jehlisx lill-haddiem mill-obbligu li jhares is-sahha u s-sigurtà tieghu nnifsu u ta' dawk kollha li jistghu jintlaqtu mix-xoghol li jkun qieghed iwettaq (Artikolu 7 (1) tal-Kap. 424) jew milli jikkoopera ma' min ihaddmu u mal-awtoritajiet kompetenti (Artikolu 7 (2) tal-Kap. 424). Hekk ukoll jitqies li haddiem ghandu jzomm lura milli jqieghed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih ghal riskju bla bzonn u li joqghod attent ghal dak li jkun qieghed jaghmel. Huwa ritenut li haddiem li jonqos milli joqghod ghall- istruzzjonijiet li jkun tah, jew ghall-prekawzjonijiet li jkun fetahlu ghajnejh ghalihom min ihaddem, ghandu jbati l-konsegwenzi li jgarrab. Hekk inghad fis-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Jannar, 2009, fil-kawza f ismijiet* ***Peter Ronald v. Polibon Construction Limited*** *"Huwa minnu li d-datur tax-xoghol ghandu obbligu li jhares l-inkolumita` tal-impjegati tieghu u dana billi jipprovdi dak li jissejjah 'a safe system of work' kif ukoll 'a safe place of work'. Ghandu wkoll jaccerta ruhu li limpjegati tieghu jkunu mharrga sew dwar ix-xoghol li jkunu mistennija li jaghmlu. Pero` daqstant ghandhom obbligu dawk l-istess impjegati li, fl-interess taghhom stess, fl-ewwel lok jobdu dawk l-istruzzjonijiet li jkunu gew moghtija lilhom mill-employer u inoltre jagixxu b'mod dettat mis-sens komun, sabiex jassiguraw l-inkolumita` taghhom.*

*"… "L-attenzjoni mehtiega mis-socjeta` konvenuta hija dik ta' bonus pater familias u mhux fi grad oghla, u la darba jirrizulta li kien hemm sorveljanza kontinwa u li kienet inghatat l-ordni specifika biex ma jigux ezegwiti dawk ix-xoghlijiet li eventwalment wasslu ghall-incident, l-istess socjeta` konvenuta issodisfat dan l-obbligu taghha u konsegwentement ma tistax tinsab responsabbli ghall-akkadut billi lattur iddizobbedixxa ordni espressa tad-datur tax-xoghol tieghu." . . .*

*24. . . .Kif inghad fis-sentenza tal-Prim'Awla tal- App. Civ. 775/08/2 22 Qorti Civili tad-9 ta' Ottubru, 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Kevin Mallia v. Alfred Mizzi & Sons Marketing Limited**, min ihaddem ghandu l-obbligu u d-dmir li jipprovdi sorveljanza adegwata sabiex l-ambjent tax-xoghol ma jkunx konducenti ghal kwalunkwe forma ta' incident li jippregudika lill-impjegati tieghu (Ara Cini v. Wells noe, deciza wkoll mill-Prim'Awla talQorti Civili fid-29 ta' Mejju, 2001), u jrid jara wkoll li l-haddiema tieghu jkunu mistharrga ghat-tip ta' xoghol li jkunu mqabbda jaghmlu . . .' tant hu hekk li l-post fejn sehh l-incident tal-attur kienet il-hames kamra li huwa hadem fiha tul Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, ghandu ragun l-attur appellant jilmenta dwar l-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti fir-rigward tarresponsabbiltà almenu parzjali tas-socjetà Panta Contracting Limited.*

*25. Madankollu l-ligi trid li fejn il-parti danneggjata tkun hija stess li kkontribwiet ghad-danni b'nuqqas ta' prudenza jew ta' hsieb, jew kellha sehem ghal dik il-hsara li hija garrbet, il-Qorti hija moghtija diskrezzjoni li tqis f'liema grad tkun hekk ikkontribwiet jew tkun tat lok ghal dik il-hsara li hija batiet. Dan igib mieghu tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li jkun dovut lill-impjegat li huwa stess ikun ikkontribwixxa ghal dak li gralu. Kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-28 ta' April, 2017, fil-kawza fl-ismijiet **Maurice Fenech et pro et noe v. Jacksons Company Limited et:** "Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Sammut v. Clamus Holding Limited (27 ta' Settembru 2012 –*

*konfermata mill-Qorti tal-Appell fil-principju fl-2016) ezaminat din il-kwistjoni fil-fond u ghamlet dawn l-osservazzjonijiet eruditi li din il-Qorti taqbel maghhom pjenament; App. Civ. 775/08/2 23*

*"Illi, kif ingħad aktar qabel, il-prinċipju tal-liġi jrid li kulħadd iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu. Iżda huwa wkoll miżmum u aċċettat li jrid jintwera li, minbarra s-sejbien tal-ħtija, jeħtieġ li jkun stabilit ukoll li kienet dik il-ħtija li ikkaġunat id-dannu attwalment imġarrab. Fuq kollox, il-liġi trid ukoll li fejn il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara tkun hija stess li ikkontribwiet għad-danni b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb jew tkun tat sehem jew okkażjoni għal dik il-ħsara, il-Qorti hija mogħtija d-diskrezzjoni li tqis f'liema grad tkun hekk ikkontribwiet jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara li batiet. Dan iġib miegħu wkoll tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li jkun mod ieħor dovut lill-persuna li tkun tat hija nnifisha r-raġuni għal dak li ġralha. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti. Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjeta' għall-ħsara tkun tali li tkun għal kollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il- ħsara. Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li onus incumbit ei qui dixit, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjeta' tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill persuna li tallegaha;*

*"Illi minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ- ċirkostanzi partikolari tiegħu, wieħed ma jistax jgħid minn qabel fiex tkun tikkonsisti l-kontributorjeta' min-naħa tal-persuna mġarrba. Madankollu, b'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjeta' fejn limpjegat jonqos li joqgħod għal struzzjonijiet speċifiċi li jingħata missuperjuri tiegħu, l-aktar fejn jidħol l-aspett ta' periklu, jew meta l-impjegat jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li l-ħila tiegħu u s-sengħa*

*fix-xogħol li jkun tqabbad jagħmel imisshom inebbħuh biex jevita, jew meta l-istess impjegat jonqos li jinqeda b'sens komun u jqiegħed lilu nnifsu fil-għajn tal-periklu jew ħsara għalih innifsu jew għal saħħtu.*

*Bosta drabi, din l-imġiba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u timxi id f'id mal-massima li volenti non fit iniuria;"*

*"Jinsab affermat illi "meta jkun hemm htija kontributorja da parti tad-danneggat, huwa dejjem imholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabbilixxi l-proporzjon li fiha huwa kkontribwixxa ghal, jew ikkaguna l-hsara li garrab sew jekk id-danneggjant jew danneggjanti jkunu kkagunaw id-dannu b'semplici kolpa jew anke b'dolo, minghajr ebda regola prestabbilita mil-ligi stess li tistabbilixxi l-proporzjon ghal nofs jew frazzjoni ohra. Kollox f'kull kaz jiddependi mic-cirkostanzi partikolari tieghu" (**Joseph Galdes v. Victor Micallef,** Appell Civili, 20 ta' Jannar 1964, a Vol. XLVIII P I p 59); (**David Scerri v. Anthony Scerri et, 3 ta' Ottubru 2003, Prim'Awla)**.*

*"F'sitwazzjoni bhal din jinstab stabbilit illi fejn tirrizulta htija kontributorja huwa dejjem imholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabilixxi hi skond ic-cirkostanzi tal-kaz il-proporzjon tar-responsabilita`. U fejn din ma tistax tigi maqsuma b'certezza ghandha tigi diviza ugwalment." (Ara Kollezz Vol XLVIII p I p 59). (**Fenech v. Montebello,** Appell Inferjuri, 20 ta' Ottubru 2003)."* [36]

Illi kif gia suespost, il-kaz odjern jirrigwarda incident li sehh waqt li Matthew Psaila kien fuq xoghol mal-Forzi Armati ta' Malta. Da parti taghha l-Armata ntimata ssostni li l-incident seta jigi evitat li kieku Matthew Psaila nforma lis-superjuri tieghu meta mistoqsi li hu ma kienx jaf jghum. Din il-Qorti gia kkonkludiet aktar il' fuq li

[36] GeoffreyTanti vs. Panta Contracting Ltd (775/08/2) deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-25 ta' Frar, 2021.

l-probabilita' hija li Matthew Psaila ma kienx jaf jghum fil-fond fejn ma jlahhaqlux.

Jirrizulta lill-Qorti allura li huwa minnu li Matthew Psaila naqas milli jinforma x'hin mistoqsi li ma jafx jghum. Irrizulta izda li min ghamel hekk xorta kien ordnat li jaghmel l-ezercizzju minghajr ma nghata xi apparat ta' sahha u sigurta' oltre dak provdut lill-ohrajn, u cioe' il-'log'. Tant hu hekk li din il-persuna u cioe' Gunner Darren Galea fil-fatt sab ruhu f'diffikulta' u kellu jigi mghejjun lura fuq l-art u nghata l-kura hu wkoll ghall-'hypothermia'. Stabbilit dan ifisser li Matthew Psaila kieku tkellem li ma jafx jghum se mai kien ikun fl-istess posizzjoni ta' Gunner Darren Galea, li xorta gie ordnat jaghmel l-ezercizzju l-uniku differenza kienet tkun li forsi kien ikun aktar vicin is-'supervisor' Marvic Peregin, ghalkemm fl-atti ma giex effettivament stabbilit fejn Matthew Psaila kien jinsab waqt l-ezercizzju. Il-Qorti izda tistaqsi jekk Marvic Peregin kienx ikun xorta wahda f'posizzjoni li jghin lil Matthew Psaila, kieku nduna li kien f'diffikulta' stante li taht il-mina hemm qbil li nqala' paniku bejn is-suldati u li l-istess Peregin kien impenjat isalva mill-anqas tlieta minn nies ohra. Ukoll rrizulta li Peregin wahdu ma setax jghid jekk kienx hemm xi hadd nieqes u min kien u kellu jtella' n-nies mill-bahar biex issir 'head count' biex ikun jaf. Dan kollu serva fi trapass ta' hin krucjali li fih Matthew Psaila seta' jigi salvat li kieku kien hemm aktar minn 'supervisor' wiehed fuq l-iskwadra u ttiehdu aktar prekawzjonijiet u mizuri sabiex ikun hemm aktar nies ghassa tas-suldati u ta' dak li qed jigri minnhom fil-bahar – nkluz nies fuq l-art u fl-ilma li jistghu jaraw taht il-mina.

Illi in vista ta' dak suespost il-Qorti tqis li ghalkemm huwa minnu li n-nuqqas ta' Matthew Psaila ghandu jinghata parti mir-responsabilita' ghal dak akkadut, ma taqbilx izda ma dak

sottomess mill-intimati li sostnew illi kieku huwa qal li ma jafx jghum l-incident ma kienx ser isehh. Ma tqisx ghalhekk li n-nuqqas ta' Matthew Psaila kien il-fattur determinanti li wassal ghal mewt tieghu. Anzi l-Qorti tqis li n-numru konisiderevoli ta' nuqqasijiet kif gia suesposti da parti tal-Armata intimata jezorbitaw ferm in-nuqqas ta' Matthew Psaila u jaqilbu l-bilanc ferm aktar lejn l-istess Armata u r-responsabbilta' taghha ghall-akkadut. L-Armata evidentement naqset milli tipprovdi sistema fejn hi stess tistabilixxi minn qabel liema suldati kellhom aktar diffikultajiet minn ohrajn, naqset milli tipprovdi ezercizzju kopert minn proceduri li jipprevjenu incident bhal dak li sehh u dan ghaliex ma adoperatx sistemi ta' sahha u sigurta' idonei ghall-ezercizzju li ordnat lis-suldati fis-C Company sabiex jaghmlu f'dik il-gurnata. Ghalkemm il-Qorti tifhem li l-presenza ta' Matthew Psaila fis-C Company kienet ghazla tieghu u li din il-kumpanija kienet tirrikjedi certu 'training' aktar iebes minn kumpaniji ohra fl-Armata, dan ma jfissirx li Matthew Psaila b'dik l-ghazla kien qed jaghti xi dritt lill-Armata, bhala datur tax-xoghol tieghu, li tipperikolalu hajtu, almenu zgur mhux f'sessjonijiet ta' tahrig. Il-Qorti ghalhekk tqis li r-resposabbilta' tal-incident ghandha tigi spartita b'20% fuq Matthew Psaila u fil-bqija 80% tar-responsabilita' ghall-incident taqa' fuq l-intimata Forzi Armati ta' Malta.

Analizzat dak kollu suespost l-Qorti tqis ukoll li kienet biss grazzja minn Alla li rizultat tan-nuqqasijiet da parti tal-Armata, dakinhar tat-13 ta' Frar, 2009 ma kienx hemm aktar korrimenti jew imwiet.

**Likwidazzjoni danni:**

**i) Damnum Emergens:**

Illi r-rikorrenti stess jaqblu u jissottomettu fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom li ma hemmx danni emergenti x'jigu likwidati fil-kaz odjern.

**ii) Lucrum Cessans:**

Illi mil-lat ta' gurisprudenza, hu ormai pacifiku li l-principji stabbiliti fil-kawza ewlenija **Michael Butler vs Peter Christopher Heard**[37] li tat origini ghas-sistema tal-'multiplier' ghadhom applikabbli sal-lum il-gurnata. Pero' l-principji enuncjati lura fis-sena 1967 gew tul is-snin aggustati ghaz-zminijiet aktar ricenti.

Fil-kawza **Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et**[38] inghad kif isegwi:

*'ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu.'*

Ghalhekk din is-sistema, ghalkemm mhux neccessarjament infallibli dejjem serviet bhala linja ta' gwida ghall-Qrati taghna, fl-assenza ta' soluzzjonijiet ohra anki ghaliex hu ghaqli li tinzamm uniformita' fis-sentenzi. Madanakollu l-Qrati taghna jikkustodixxu b'rigorozita' l-jedd li japplikaw gudizzju iktar ampju u wiesa' diskrezzjonali sabiex jigi zgurat il-gustizzja kemm mad-danneggjat kif ukoll ma' min jitqies responsabbli ghall-hsara u dan

---

[37] Appell Civili 22 ta' Dicembru 1967.
[38] Appell Civili 16 ta' Novembru 1983.

huwa permess anki mill-kliem uzat fl-artikolu 1045 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa ghalhekk li l-Qrati Maltin irritenew f'diversi sentenzi li ghandhom id-diskrezzjoni li jkunu iktar flessibbli o meno rigoruzi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti fil-kawza Butler vs Heard. Fil-kawza fl-ismijiet **Savona vs. Asphar**[39] gie ritenut li l-Qrati ghandhom juzaw:

*'l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-ligi'*

filwaqt li fil-kawza **Emnuel Mizzi vs. Carmel Attard** inghad illi:

*'ghandu jintuza bhala bazi wkoll f'dan il-kaz bid-differenza li n-numru ta' snin ghandu jittiehed ghas-snin kollha tal-hajja lavorattiva tal-korrut'*
u li
*'dejjem għandu jkun hemm certu elasticita` ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wiehed ta' probabbilta'.* [40]

In oltre, id-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss, li meta tinghata b'sentenza m'hijiex aktar soggetta għal ebda revizjoni. Ghalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realta'.[41]

Il-kwistjoni tal-*multiplier* li normalment jintuza bhala mezz biex it-telf ta' qligh li jinghata d-danneggjat jigi kalkolat, hija wahda li dwarha l-Qrati taghna f'dawn l-ahhar zminijiet kellhom l-opportunita' li jiflu sew. Kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-*multiplier* bhala:

---

[39] Appell Civili 23 ta' Gunju 1952.
[40] 13 ta' Mejju 2003.
[41] Francis Sultana vs John Micallef et noe, Appell Civili 20 ta' Lulju 1994.

*'A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue-that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the `contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases.'*[42]

Oltre dan, jirrizulta li s-sentenzi ta' dawn l-ahhar snin f'dan il-qasam qed ixaqilbu lejn it-tnehhija ta' skemi rigidi li jistghu jfixklu l-ghoti ta' kumpens misthoqq u xieraq ghac-cirkustanzi. Wiehed minn dawn l-izviluppi hija fil-massimu tal-*multiplier*, fejn ghal numru kbir ta' snin dan ma kienx jaqbez l-ghoxrin (20) sena. Evidentement izda f'hafna mill-kazijiet fejn id-danneggjat ikun ta' eta' zghira dan il-kalkolu ma kienx qed ihalli rizultat gust u dan ghaliex il-Qorti fit-termini tal-istess artikolu 1045 ghandha tfittex qabel kollox li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun garrab hsara u li terga' tqieghed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel id-dannu subit. Ghalhekk illum huwa accettat u approvat mill-oghla Qrati taghna li l-*multiplier* ghandu jkun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji.[43]

Gie stabbilit ukoll li l-*multiplier* ghandu jibda jitqies minn dakinhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet id-dannu u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal ghal-likwidazzjoni tas-somma li

---

[42] Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), pag. 122.

[43] Mary Bugeja nomine et vs George Agius noe, -Appell 26 ta' Lulju 1991, Vincent Axisa vs Alfred Fenech et, Prim'Awla 16 ta' April 1991.

ghandha tithallas bhala danni.[44]

In oltre fl-ammont finali kkomputat fid-diskrezzjoni tal-Qorti, l-istess Qorti ghandha thares lejn l-hekk imsejjha *chances and changes of life*:

*'In-numru ta' snin adottat bhala multiplier m'ghandux ikun bazat fuq l-aspettativa tal-hajja in generali tad-danneggjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tieghu u ghalhekk jittiehdu in konsiderazzjoni c-'chances and changes' tal-hajja.'*[45]

Fil-principju izda:

*"L-iskop tal-hlas tad-danni huwa dak li terga' tpoggi lil min ikun soffrihom fil-posizzjoni daqs li kieku huwa ma gralu xejn".*[46]

Illi bil-ghan illi d-danneggjat ikun verament u realment ikkumpensat tad-danni li sofra, u dan apparti l-kuncett ta' *pain and suffering*, fil-kawza fl-ismijiet **Mary Bugeja vs George Agius**[47] inghad illi:

*'Il-Qrati fil-pronuncjamenti taghhom dwar il-kriterji li ghandhom jintuzaw biex jippruvaw jaghmlu tajjeb ghall-incertezzi li l-likwidazzjoni ta' danni f'kazijiet simili, dejjem jaghtu lok ghalihom li qatt ma jirrinunzjaw għall-fakolta' diskrezzjonali taghhom.'*

Dik l-Onorabbli Qorti ppronunzjat ruhha li taqbel li ghandu jkun hemm certa elasticita' ta' kriterju ghaliex il-pronunzjament huwa

---

[44] Salvatore Mifsud vs. Carlo Camilleri, Appell Civili 16 ta' Novembru 1983.
[45] Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace, Qorti tal-Appell 5 ta' Marzu 1986.
[46] Borg pro et noe vs Muscat, Prim'Awla, 9 ta' Jannar 1973.

[47] Appell 26 ta' Lulju 1991.

wiehed ta' probabbilta':

*'Id-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss li meta tinghata b'sentenza mhix aktar soggetta ghall-ebda revizjoni. Ghalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realta'.*

Fuq l-istess linja fil-kawza **Emanuel Agius vs Joseph Galea et nomine**[48] inghad illi:

*'Il-Gustizzja li taf il-Qorti hija dik li fil-limiti tar-realta' u kemm huwa possibbli, terga' tpoggi l-vittma, ta' kwalsiasi att ingust, fl-istat li kienet qabel. Huwa ngust li f'dawn il- kazijiet, u fejn ir-restituzzjoni fizika tal-gisem u s-sahha tal-vittma tal-att illegali u ngust ta' haddiehor m'huwiex possibbli, ma tassikurax kemm tista' jkun kompensazzjoni adegwata. Altru milli imprevist. L-ezercizzju huwa fuq ir-realta' sakemm hija prevedibbli a bazi ta' statistika u nduzzjoni.'*

Illi ghalhekk jidher car li a bazi tal-ligi taghna, il-kwantifikazzjoni tad-danni hija fl-attitudini wiesa mhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u ghalkemm certi principji ghandhom jezistu u fil-fatt jezistu għas-soluzzjoni tal-istess, dawn izda ma ghandhomx jitqiesu bhala assoluti u l-Qorti zgur li ma hijiex obbligata li tapplika l-istess, specjalment meta r-rizultat tal-applikazzjoni taghhom ma jwassalx għall-kumpens reali u adegwat.

Illi dwar it-tnaqqis minhabba *lump sum payment* fil-kawza fl-ismijiet **Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe**[49] gie deciz hekk:

---

[48] 11 ta' Lulju 1989.
[49] Prim'Awla, 5 ta' Ottubru 1995.

*'Fir-rigward tar-riduzzjoni ghal-lump sum payment il-Qorti... jidhrilha li ... ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghal-lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tliet snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data'.*

Il-Qorti tal-Appell, fil-kaz **Annunziata sive Nancy Caruana vs Odette Camilleri** deciza fis-27 ta' Frar 2004 iddikjarat illi:

*'Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba lump sum payment id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi ntavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhu l-incident ukoll relattiv'*

Fil-kawza **Joseph Agius v All Services Ltd**[50]:
*'f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa (lump sum payment) lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni, pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-Qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza.'*

Illi f'dan il-kaz partikolari l-vittma miet konsegwenza tal-incident u allura huma l-familjari tieghu fil-vesti ta' eredi tieghu li qed jintavolaw il-kawza u ghalhekk japplikaw ukoll il-principji stabiliti dwar il-grad ta' dipendenza tar-rikorrenti:

*'Ghall-finijiet tal-principju tad-dependency hemm differenza fejn si tratta ta' mewt ta' kap ta' familja, li minnu din tkun qieghda tiddependi direttament, ghal xi sitwazzjoni ohra fejn invece ghaz-zamma u ghixien taghha si tratta ta' membru iehor ta' familja li qieghda tghix fi hdanha u li fin-normalita' tal-hajja l-probabbilita' tkun li din tiehu l-istat taghha*

[50] Prim Awla, 2 ta' Gunju 2005.

*jew tmur tghix ghal rasha.*

*L-awturi Kemp & Kemp fil-ktieb maghruf taghhom 'The Quantum of Damages' (vide Chap. ntitolat "Claims for Death of Adult Child") jghidu:*

*"Each case of course must depend on its particular facts but there's one factor common to most cases where a deceased son was unmarried and had been contributing quite a substantial sum to his parent or parents. That factor is the possibility, or even the probability that if he had not died he would some day have married and in consequence his contribution to his parents would have ceased or become much smaller."*

*L-awtur Ingliz John Munkman – Damages for Personal Injuries and Death (7th. Ed.) Pag. 141 jghid:*

*"… the court must take into account the possibility that the son or daughter will marry, and that the assistance provided will vanish or at least be reduced."*

*L-istess awtur jghid illi l-prattika fl-Ingilterra wara 1982 meta gie emenda il-Fatal Accidents Act hija illi "on the death of an unmarried son or daughter under 18 after 1982, the parents are entitled to a fixed sum for bereavment."*

*L-Ewwel Qorti wkoll naqset milli tikkonsidra dak li huwa maghruf bhala the degree of dependency. Il-Qrati taghna dejjem ikkonsidraw il-fatt illi l-mewt ta' missier ta' familja li jhalli warajh armla u tfal, li jistghu jkunu ukoll minuri, hi haga, waqt li l-mewt ta' tfajla ta' sbatax-il sena hi haga ohra. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, l-atturi stess ma avvanzaw l-ebda prova specifika dwar danni li huma sofrew bhala konsegwenza tal-mewt ta' Carmen Turner. Infatti lanqas ma gabu xi talba dwar "damnum emergens'. Kif gia` ntqal il-probabilita` hija li Carmen Turner kienet tizzewweg u b'hekk tinqata' ghal finijiet ta' successjoni min-naha taghha.*

*Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi dejjem accettaw il-principju illi f'kaz ta' mewt ta' guvni jew xebba u partikolarment meta fil-mument tad-dizgrazzja l-atturi ma kienux jiddependu minn binhom ghandu jkun hemm tnaqqis sostanzjali meta jigu kkalkolati d-danni (kif fil-fatt ghamel*

*il-Perit Legali). Dan it-tnaqqis, ghalkemm ma hemmx regoli fissi jew kriterji assoluti jigi generalment ikkalkolat fl-ammont ta' bejn 66% u 50% - vide Meli vs Cachia (Dec. 21/11/1994 – PA AJM) (Borg vs Psaila dec. 3/10/1994) (Mary Bugeja vs George Agius Dec. 26/7/1991) (Bartolo vs Attard PA 28/3/1983) (Caruana vs John Busuttil et (JF) PA 1/3/1985) (Agius vs Debattista PA 6/11/1995).*
*L-istess jista' jinghad ghal dak li jirrigwarda il-konsum personali. L-Ewwel Qorti naqset li tikkonsidra dan l-aspett reali tal-hajja bhal li kieku Carmen Turner tul hajjitha ma kienet sejra tonfoq xejn. Ir-realta` tal-hajja hija li wiehed jonfoq il-maggjor parti tad-dhul tieghu, partikolarment meta dan id-dhul ikun wiehed baxx, kif filfatt kien id-dhul tal-vittma li dak iz-zmien kienet tahdem bil-paga minima. Huwa fatt maghruf ukoll illi l-guvintur tallum ifaddlu ftit li xejn mill-paga taghhom u li jibdew ifaddlu meta jaslu biex jizzewgu. Ghalhekk il-probabilita` hija li Carmen Turner ma kienet tfaddal xejn mill-paga taghha. Id-decizjonijiet tal-Qrati taghna dejjem ikkonsidraw dan l-aspett u dejjem naqsu persentagg ta' bejn 25% - 33% ghall-konsum personali tad-decujus. Ta' min johrog id-distinzjoni bejn il-mewt (li hi ekwiparata ghal dizabilita` totali) u d-dizabilita` ta' 100% (bhala p.e. minn jigi ridott ghall-hajja f'wheelchair b'telf assolut talfakolta` mentali). Dak li jmut ma jikkonsma xejn izjed, izda din jibqa' totalment inkapacitat irid xorta jibqa' jigi sostnut u jrid ikollu min idur bih. Dak huwa kaz, mela fejn id-dizabilita` l-istess ta' 100% ma twassalx ghall-istess sitwazzjoni meta jigu valutati d-danni. Fil-ligi, ilkwantifikazzjoni tad-danni ma ghandhiex tkun ta' konsolazzjoni ta' flus. Il-kwantifikazzjoni trid thares lejn dak li jitlef minn jigi 'l quddiem u javvanza pretenzjoni. Il-ligi taghna ma tpoggix prezz fuq id-decujus u tara min sejjer jikkonkorri ghal dak il-quantum. Il-konkorrenza li jsir ghandha bazi; dik li … jersaq 'il quddiem irid jipprova x'tilef minhabba l-event dannuz.'*[51]

Illi fil-mertu fl-atti giet esebita dokumentazzjoni a fol. 16 et seq li

[51] Anthony Turner et. vs. Agius Francis et., Appell Civili Superjuri, 120/1994/1, 28/11/2003.

tevidenzja introjtu annwali ta' Matthew Psaila ta' madwar €11,000 lura fis-sena 2009. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom r-rikorrenti jaghmlu referenza ghall-fatt li recentement is-suldati nghataw kundizzjonijiet ahjar inkluz fil-paga taghhom u anki pagamenti b'lura u jinsistu li dawn ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni stante li kieku Matthew Psaila baqa' haj hu kien igawdi minn dan l-awment fis-salarju u ameljoramenti fil-kundizzjonijiet. Huwa minnu wkoll izda li r-rikorrenti fix-xiehda taghhom jammettu li huma qatt ma hadu jew talbu xejn mill-paga ta' Matthew Psaila u ghalhekk ma kienux jiddependu fuq l-introjtu tieghu. Ukoll il-probabilita' hi li wara t-trapass ta' numru ta' snin Matthew Psaila ma kienx jibqa' jghix mal-genituri tieghu (in vista li kien ser jaghlaq ghoxrin sena) u jmur jghix ghal rasu u ghalhekk fi kwalunkwe kaz huma ma kienu ser jusufruixxu xejn mill-awment fil-paga tieghu. Il-Qorti tfakkar li dan mhux kaz li r-rikorrenti jitpoggew kemm jista' jkun fil-posizzjoni li kienu qabel gie nieqes Matthew Psaila ghax sfortunatament dan qatt ma jista' jsir irrilevanti kemm jinghataw flus ir-rikorrenti. Ghall-ugiegh taghhom wara l-mewt ta' Matthew Psaila l-ebda somma ta' flus ma tista' taghmel tajjeb. Il-Qorti tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tqis li ikun ekwu li tittiehed paga medja ta' €17,000 fis-sena fuq il-medda tas-snin lovarattivi li kieku kien ser jahdem Matthew Psaila. Ukoll tqis li ghandha titnaqqas 50% tas-somma stante li r-rikorrenti ma kienux dipendenti fuq Matthew Psaila.

Ghal dan li hu grad ta' dizabilita' dan ma kellux bzonn jigi stabilit stante l-mewt tragika ta' Matthew Psaila u allura dan huwa ta' 100%. Ghal dak li hu *multiplier* jirrizulta li Matthew Psaila kien wasal sabiex jaghlaq ghoxrin sena. Huwa ragjonevoli li wiehed jqis li l-istess Psaila, li kieku ma gralux l-incident li swielu hajtu, kien ser ikollu hajja lavorattiva sal-eta` ta' hamsa u sittin sena (65) anki wara li jirtira mill-Armata u cioe' differenza ta' 45 sena. Li

wiehed jirtira mill-Armata wara 25 sena ma jfissirx li ma jaghmilx xoghol iehor wara, anzi jfisser li apparti dak ix-xoghol l-iehor jithallas ukoll pensjoni mill-Armata. Pero' din il-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni l-fatt f'dan il-kaz ma hemmx kwistjoni ta' konsum personali u *chances and changes of life* u ghalhekk tqis li l-multiplier ma ghandux ikun ta' 45 sena izda ghandu jitnaqqas ghal 35 sena. B'hekk it-tnaqqis ghall-konsum u '*chances and changes of life*' huwa nkluz fit-tnaqqis tal-'*multiplier*'.

Stabilit is-suespost il-Qorti qed tillikwida l-kumpens dovut lill-atturi ghad-dannu soffert minnhom b'dan il-mod:

**€17,000 x 100% x 35 - (20% responsabilita' kontributorja + 50% dependency) = €178,500.**

In vista tat-trapass ta' madwar tnax-il sena (12) mill-incident u hdax-il sena (11) mill-ftuh tal-kawza[52] sa meta din qed tigi deciz llum, il-Qorti tqis li ma ghandu jitnaqqas l-ebda persentagg ghal dak li hu 'lump sum payment'.

## DECIZJONI

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Kap Kmandat tal-Forzi Armati ta' Malta et. b'dana li tiddikjara li l-Avukat Generali mhux legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

[52] Quddiem gudikanti diversi minn dik odjerna sakemm din giet assenjata lilha anqas minn sentejn ilu.

2. Tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-intimati biss sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

3. Tilqa' l-ewwel talba attrici, in parte, u tiddeciedi u tiddikjara li Matthew Psaila tilef hajtu, in parte, minhabba traskuragni, non-kuranza, negligenza, nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti, imprudenza jew nuqqas ta' diligenza min-naha tal-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta fil-vesti tieghu ta' rapprezentant tal-istess Forzi Armati ta' Malta u dan fil-persentagg ta' 80% tar-responsabilita'. Tichad l-ewwel talba fil-konfront tal-intimati l-ohra;

4. Tilqa' t-tieni talba attrici, in parte, u tiddeciedi u tiddikjara li b'konsegwenza l-konvenut Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta fil-vesti tieghu ta' rapprezentant tal-istess Forzi Armati ta' Malta huwa responsabbli ghar-risarciment tad-danni versu l-atturi fi grad ta' 80% tar-responsabilita'. Tichad it-tieni talba fil-konfront tal-intimati l-ohra;'

5. Tilqa' t-tielet talba attrici u tillikwida l-kumpens dovut lill-atturi mill-intimat Kap Kmandat tal-Forzi Armati ta' Malta fil-vesti tieghu ta' rapprezentant tal-istess Forzi Armati ta' Malta fis-somma ta' mija, tmienja u sebghin elf u hames mitt Euro (178,500). Tichad it-tielet talba fil-konfront tal-intimati l-ohra.

6. Tilqa' r-raba' talba attrici u tikkundanna lill-konvenut Kap Kmandat tal-Forzi Armati ta' Malta fil-vesti tieghu ta' rapprezentant tal-istess Forzi Armati ta' Malta, jhallas il-kumpens kif hekk likwidat fis-somma ta' mija, tmienja u sebghin elf u hames mitt Euro (€178,500) lill-atturi.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat Kap Kmandat tal-Forzi Armati ta' Malta fil-vesti tieghu ta' rapprezentant tal-istess Forzi Armati ta' Malta u bl-imghax mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-pagament effettiv.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**22 ta' April 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**22 ta' April 2021**